Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 80

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 59

31 ta' Marzu 2016

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/458 tat-30 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd** ... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/459 tat-18 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi** (1) ... 14

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/460 tat-30 ta' Marzu 2016 li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti** ... 17

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/461 tat-30 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 rigward l-aġġustament tal-miżati tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini mar-rata tal-inflazzjoni b'effett mill-1 ta' April 2016** (1) ... 25

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/462 tat-30 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 324/2008 li jistabbilixxi proċeduri riveduti għal spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima** (1) ... 28

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/463 tat-30 ta' Marzu 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 34

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/464 tad-29 ta' Marzu 2016 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri, fir-rigward tal-entrati għall-Estonja u għall-Polonja** *(notifikata bid-dokument C(2016) 1701)* (1) ... 36

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

**Rettifika**


★ **Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/351/KE tat-28 ta' April 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2000/57/KE b'rigward avvenimenti li għandhom jiġu rrapportati fi ħdan sistema ta' twissija u tweġiba bikrija għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li jittieħed** (ĠU L 117, 1.5.2008) .......... 48

★ **Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/547/KE tal-10 ta' Lulju 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2000/57/KE dwar is-sistema ta' twissija u tweġiba bikrija għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li jittieħed taħt id-Deċiżjoni 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** (ĠU L 181, 14.7.2009) .......... 48

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2016/458
## tat-30 ta' Marzu 2016
## li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 [1] jistabbilixxi għall-2016 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/72 jiffissa l-qabda totali permissibbli (TAC) għaċ-ċiċċirell għal żero. Iċ-ċiċċirell huwa speċi b'ħajja qasira u parir xjentifiku sar disponibbli biss fit-22 ta' Frar, filwaqt li s-sajd jibda f'April. Il-limiti tal-qbid għal din l-ispeċi issa għandhom jiġu emendati f'konformità mal-parir xjentifiku mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Skont l-ICES, il-monitoraġġ f'ħin reali huwa xjentifikament adatt għall-istabbiliment tal-kwantità ta' ċiċċirell fiż-żona ta' ġestjoni 1, u r-riżultati jistgħu jintużaw għal evalwazzjoni mill-ġdid ta' dak il-parir xjentifiku u għall-iffissar ta' TAC ta' matul is-sena. Madankollu, dan jirrikjedi ammont suffiċjenti ta' data (qabdiet u teħid ta' kampjuni bijoloġiċi). Il-limitu tal-qbid għaċ-ċiċċirell fiż-żona ta' ġestjoni 1 għandu għalhekk jiġi stabbilit f'livell li jippermetti l-ġbir ta' data suffiċjenti dwar l-abbondanza tal-istokk.

(3) Skont il-parir xjentifiku mill-ICES, il-qabdiet ta' raja għewejna fid-diviżjonijiet VIId u VIIe-k tal-ICES u ta' raja batra fis-subżona IV tal-ICES għandhom jitnaqqsu. B'konsegwenza ta' dan, għandhom jiġu żviluppati miżuri ta' ġestjoni lokali li jillimitaw il-qabdiet u jipprovdu informazzjoni xjentifika aħjar. L-ICES ta parir li fid-diviżjonijiet VIIf u VIIg il-qabdiet ta' raja għewejna għandhom ikunu limitati għal mhux aktar minn 188 tunnellata. Għalhekk, huwa xieraq li t-tabelli korrispondenti tal-opportunitajiet tas-sajd jiġu modifikati biex jippermettu tali qbid u ħatt l-art, u li d-dispożizzjonijiet ta' rappurtar jiġu adattati kif meħtieġ.

(4) Skont il-parir xjentifiku mill-ICES, il-qabdiet totali għas-sawrell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet IIa u IVa, is-subżona VI, id-diviżjonijiet VIIa-c, VIIe-k, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe tal-ICES, l-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' Vb u l-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni XII u XIV għandhom ikunu ffissati għal 108 868 tunnellata. Għalhekk, jinħtieġ li ssir il-korrezzjoni tat-TAC inizjali fit-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd biex tipprevedi livell ogħla ta' qabdiet li jikkorrispondi għall-parir xjentifiku mill-ICES.

(5) L-Anness IB tar-Regolament (UE) 2016/72 jipprevedi l-korrezzjoni tat-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal qabdiet aċċessorji fl-ilmijiet ta' Greenland biex tipprevedi rappurtar korrett ta' dawk il-qabdiet aċċessorji.

---

[1] Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 tat-22 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/104 (ĠU L 22, 28.1.2016, p. 1).

(6) Fid-dawl ta' konsultazzjonijiet man-Norveġja huwa xieraq li jiġu allokati 25 000 tunnellata ta' opportunitajiet tas-sajd ta' stokkafixx lin-Norveġja bi skambju ma' bakkaljaw polari u merluzz tal-linja sewda, lipp u xi speċijiet oħra.

(7) Jeħtieġ li ssir il-korrezzjoni tal-allokazzjonijiet tal-kwoti għall-bakkaljaw fis-subżona I u d-diviżjoni IIb tal-ICES stabbiliti fl-Anness IB tar-Regolament (UE) 2016/72 sabiex jirrispettaw id-distribuzzjoni tal-kwoti mogħtija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/277/KEE ([1]).

(8) Jeħtieġ li jiġi inkluż kodiċi ta' rappurtar fl-Anness IF tar-Regolament (UE) 2016/72 għal qabdiet aċċessorji tal-mera tal-Atlantiku fis-subdiviżjoni B1 tas-SEAFO.

(9) Fir-raba' laqgħa annwali tagħha fl-2016, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) stabbilixxiet TAC għas-sawrell. Dik il-miżura għandha tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni.

(10) Fl-Appendiċi I għall-Anness IIa tar-Regolament (UE) 2016/72 jeħtieġ li ssir il-korrezzjoni ta' żball rigward l-isforz massimu tas-sajd permissibbli f'jiem kilowatt għan-Netherlands fil-Baħar tat-Tramuntana għall-irkaptu rregolat BT1.

(11) L-għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd li għandhom jingħataw lill-Venezwela għal bastimenti li jistadu għas-snappers fl-ilmijiet tal-Guyana Franċiża u l-għadd massimu ta' bastimenti li jistgħu jkunu preżenti fi kwalunkwe ħin għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2016/72.

(12) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolament (UE) 2016/72 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016. Jeħtieġ għalhekk li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar limiti tal-qbid japplikaw minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u għall-protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti.

(13) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2016/72 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fir-Regolament (UE) 2016/72, l-Annessi IA, IB, IF, IJ u VIII huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A.G. KOENDERS

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 87/277/KEE tat-18 ta' Mejju 1987 dwar l-allokazzjoni ta' possibbiltajiet għall-qabda tal-merluzz fir-reġjun ta' Spitsbergen u Bear Island u fid-Diviżjoni 3M kif inhi definita fil-Konvenzjoni tan-NAFO (ĠU L 135, 23.5.1987, p. 29).

*ANNESS*

1. L-Anness IA tar-Regolament (UE) 2016/72 huwa emendat kif ġej:

(a) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' IIa, IIIa u IV hija sostitwita mit-tabella li ġejja:

| **"Speċi:** | Ċiċċirell *Ammodytes spp.* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni ta' IIa, IIIa u IV ([1]) |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 82 273 ([2]) | | |
| Ir-Renju Unit | 1 799 ([2]) | | |
| Il-Ġermanja | 126 ([2]) | | |
| L-Iżvezja | 3 021 ([2]) | | |
| L-Unjoni | 87 219 | | |
| TAC | 87 219 | | TAC analitika<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax |

([1]) Esklużi l-ilmijiet f'sitt mili nawtiċi mix-xenarju ta' referenza tar-Renju Unit f'Shetland, Fair Isle u Foula.

([2]) Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-ħatt l-art, il-qabdiet tal-barbun komuni, tal-merlangu u tal-kavalli jistgħu jingħaddu ma' mhux iżjed minn 2 % tal-kwota (OT1/*2A3A4), dment li dawn il-qabdiet u l-qabdiet aċċessorji ta' dawk l-ispeċijiet li jingħaddu skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, b'kollox ma jirrappreżentawx iżjed minn 9 % ta' din il-kwota taċ-ċiċċirell.
Kondizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu iżjed mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell li ġejjin, kif definiti fl-Anness IID:

**Żona: L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell**

| | **1** | **2** | **3** | **4** | **5** | **6** | **7** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | (SAN/ 234_1) | (SAN/ 234_2) | (SAN/ 234_3) | (SAN/ 234_4) | (SAN/ 234_5) | (SAN/ 234_6) | (SAN/ 234_7) |
| Id-Danimarka | 12 263 | 4 717 | 59 428 | 5 659 | 0 | 206 | 0 |
| Ir-Renju Unit | 268 | 103 | 1 299 | 124 | 0 | 5 | 0 |
| Il-Ġermanja | 19 | 7 | 91 | 9 | 0 | 0 | 0 |
| L-Iżvezja | 450 | 173 | 2 182 | 208 | 0 | 8 | 0 |
| L-Unjoni | 13 000 | 5 000 | 63 000 | 6 000 | 0 | 219 | 0 |
| Total | 13 000 | 5 000 | 63 000 | 6 000 | 0 | 219 | 0" |

(b) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkafixx fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali ta' I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV hija sostitwita mit-tabella li ġejja:

| **"Speċi:** | Stokkafixx *Micromesistius poutassou* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali ta' I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV (WHB/1X14) |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 31 704 (3) | | |
| Il-Ġermanja | 12 327 (3) | | |
| Spanja | 26 878 (2) (3) | | |
| Franza | 22 063 (3) | | |
| L-Irlanda | 24 550 (3) | | |
| In-Netherlands | 38 659 (3) | | |
| Il-Portugall | 2 497 (2) (3) | | |
| L-Iżvezja | 7 842 (3) | | |
| Ir-Renju Unit | 41 137 (3) | | |
| L-Unjoni | 207 657 (1) (3) | | |
| In-Norveġja | 75 000 | | |
| Il-Gżejjer Faeroe | 9 000 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC analitika |

(1) Kondizzjoni speċjali: mill-kwoti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV (WHB/*NZJM1) u fi VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-Unjoi tas-CECAF 34.1.1 (WHB/*NZJM2), il-kwantità li ġejja tista' tinstad fiż-Żona Ekonomika tan-Norveġja jew fiż-żona tas-sajd ta' madwar Jan Mayen: 149 506

(2) Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota lejn VIIIc, IX u X; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona CECAF 34.1.1. Madankollu, trasferimenti bħal dawn għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni minn qabel.

(3) Kondizzjoni speċjali: fil-limitu ta' kwantità totali tal-aċċess ta' 21 500 tunnellata għall-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jaqbdu mhux iżjed mill-persentaġġ li ġej tal-kwoti tagħhom fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe (WHB/*05-F.): 9,2 %";

(c) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal-lipp fl-ilmijiet Norveġiżi ta' IV hija sostitwita mit-tabella li ġejja:

| **"Speċi:** | Lipp *Molva molva* | **Żona:** | L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV (LIN/04-N.) |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 9 | | |
| Id-Danimarka | 1 164 | | |
| Il-Ġermanja | 33 | | |
| Franza | 13 | | |
| In-Netherlands | 2 | | |
| Ir-Renju Unit | 104 | | |
| L-Unjoni | 1 325 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC analitika<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax"; |

(d) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal "speċijiet oħra" fl-ilmijiet Norveġiżi ta' IV hija sostitwita mit-tabella li ġejja:

| "**Speċi:** | Speċijiet oħra | **Żona:** | L-ilmijiet Norveġiżi ta' IV (OTH/04-N.) |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 46 | | |
| Id-Danimarka | 4 250 | | |
| Il-Ġermanja | 479 | | |
| Franza | 197 | | |
| In-Netherlands | 340 | | |
| L-Iżvezja | Mhux rilevanti ([1]) | | |
| Ir-Renju Unit | 3 188 | | |
| L-Unjoni | 8 500 ([2]) | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC ta' prekawzjoni |

([1]) Il-kwota allokata min-Norveġja lill-Iżvezja għal "speċijiet oħra" f'livell tradizzjonali.

([2]) Inkluż sajd mhux imsemmi speċifikament. Jistgħu jiġu introdotti eċċezzjonijiet wara konsultazzjonijiet, kif meħtieġ";

(e) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għar-rebekkini u r-raj fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' II u IV hija sostitwita mit-tabella li ġejja:

| "**Speċi:** | Rebekkini u raj *Rajiformes* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni ta' IIa u ta' IV (SRX/2AC4-C) |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 221 ([1]) ([2]) ([3]) | | |
| Id-Danimarka | 9 ([1]) ([2]) ([3]) | | |
| Il-Ġermanja | 11 ([1]) ([2]) ([3]) | | |
| Franza | 35 ([1]) ([2]) ([3]) | | |
| In-Netherlands | 188 ([1]) ([2]) ([3]) | | |
| Ir-Renju Unit | 849 ([1]) ([2]) ([3]) | | |
| L-Unjoni | 1 313 ([1]) ([3]) | | |
| TAC | 1 313 ([3]) | | TAC ta' prekawzjoni |

([1]) Il-qabdiet tar-raja batra (Raja brachyura) fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' IV (RJH/04-C.), tar-raja kukù (Leucoraja naevus) (RJN/2AC4-C), tar-raja tal-fosos (Raja clavata) (RJC/2AC4-C), u tar-raja makkjettata (Raja montagui) (RJM/2AC4-C) għandhom jiġu rrappurtati separatament.

([2]) Kwota għall-qabdiet aċċessorji. Dawn l-ispeċijiet ma għandhomx jammontaw għal iżjed minn 25 %, f'piż tal-ħut ħaj tal-qabda li tinżamm abbord għal kull vjaġġ tas-sajd. Din il-kondizzjoni tapplika biss għal bastimenti b'tul totali ta' iżjed minn 15-il metru. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal qabdiet li huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art kif stipulat fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

([3]) Ma japplikax għal raja batra (Raja brachyura) fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' IIa u raja għewejna (Raja microocellata) fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' IIa u IV. Meta dawn l-ispeċijiet jinqabdu b'mod aċċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari li jinqabdu għandhom jinħelsu minnufih. Is-sajjieda għandhom jiġu mħeġġa jiżviluppaw u jużaw tekniki u tagħmir li jiffaċilitaw ir-rilaxx rapidu u sikur tal-ispeċijiet.";

(f) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għar-rebekkini u r-raj fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k hija sostitwita mit-tabella li ġejja:

| "**Speċi:** | Rebekkini u raj *Rajiformes* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k (SRX/67AKXD) |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 725 (1) (2) (3) (4) | | |
| L-Estonja | 4 (1) (2) (3) (4) | | |
| Franza | 3 255 (1) (2) (3) (4) | | |
| Il-Ġermanja | 10 (1) (2) (3) (4) | | |
| L-Irlanda | 1 048 (1) (2) (3) (4) | | |
| Il-Litwanja | 17 (1) (2) (3) (4) | | |
| In-Netherlands | 3 (1) (2) (3) (4) | | |
| Il-Portugall | 18 (1) (2) (3) (4) | | |
| Spanja | 876 (1) (2) (3) (4) | | |
| Ir-Renju Unit | 2 076 (1) (2) (3) (4) | | |
| L-Unjoni | 8 032 (1) (2) (3) (4) | | |
| TAC | 8 032 (3) (4) | | TAC ta' prekawzjoni<br>Japplika l-Artikolu 12(1) ta' dan ir-Regolament. |

(1) Il-qabdiet tar-raja kukù (Leucoraja naevus) (RJN/67AKXD), tar-raja tal-fosos (Raja clavata) (RJC/67AKXD), tar-raja batra (Raja brachyura) (RJH/67AKXD), tar-raja makkjettata (Raja montagui) (RJM/67AKXD), tar-raja rotonda (RRaja circularis) (RJE/67AKXD) u tar-raja petruża (Raja fullonica) (RJF/67AKXD) għandhom jiġu rrappurtati separatament.

(2) Kondizzjoni speċjali: li minnhom sa 5 % jistgħu jinstadu fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIId (SRX/*07D.), mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 13 u 46 ta' dan ir-Regolament għaż-żoni speċifikati fihom. Il-qabdiet tar-raja kukù (Leucoraja naevus) (RJN/*07D.), tar-raja tal-fosos (Raja clavata) (RJC/*07D.), tar-raja batra (Raja brachyura) (RJH/*07D.), tar-raja makkjettata (Raja montagui) (RJM/*07D.), tar-raja rotonda (Raja circularis) (RJI/*07D.) u tar-raja petruża (Raja fullonica) (RJF/*07D.) għandhom jiġu rrappurtati separatament. Din il-kondizzjoni speċjali ma għandhiex tapplika għar-raja għewejna (Raja microocellata) u għar-raja ondjata (Raja undulata).

(3) Ma japplikax għar-raja għewejna (Raja microocellata), ħlief fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIIf u VIIg. Meta dawn l-ispeċi jinqabdu b'mod aċċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari li jinqabdu għandhom jinħelsu minnufih. Is-sajjieda għandhom jiġu mħeġġa jiżviluppaw u jużaw tekniki u tagħmir li jiffaċilitaw ir-rilaxx rapidu u sikur tal-ispeċijiet. Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu iżjed mill-kwantitajiet ta' raja għewejna mogħtija hawn taħt fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIIf u VIIg (RJE/7FG.):

| **Speċi:** | Rajja għewejna *Raja microocellata* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIIIf u VIIg (RJE/7FG.) |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 17 | | |
| L-Estonja | 0 | | |
| Franza | 76 | | |
| Il-Ġermanja | 0 | | |
| L-Irlanda | 25 | | |
| Il-Litwanja | 0 | | |
| In-Netherlands | 0 | | |
| Il-Portugall | 0 | | |
| Spanja | 21 | | |
| Ir-Renju Unit | 49 | | |
| L-Unjoni | 188 | | |
| TAC | 188 | | TAC ta' prekawzjoni |

Kondizzjoni speċjali: li minnhom sa 5 % jistgħu jinstadu fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIId u jiġu rrappurtati bil-kodiċi li ġej: (RJE/*07D.). Din il-kondizzjoni speċjali hija mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 13 u 46 ta' dan ir-Regolament għaż-żoni speċifikati fihom.

(4) Ma għandhiex tapplika għar-raja ondjata (Raja undulata). Din l-ispeċi ma għandhiex tkun fil-mira fiż-żoni koperti minn din it-TAC. F'każijiet meta ma tkunx soġġetta għall-obbligu tal-ħatt l-art, il-qabda aċċessorja tar-raja ondjata fiż-żona VIIe tista' tinħatt l-art biss sħiħa jew imnaddfa, u dment li ma tkunx tammonta għal iżjed minn 40 kilogramma ta' piż ħaj għal kull vjaġġ tas-sajd. Il-qabdiet għandhom jibqgħu taħt il-kwoti li jidhru fit-tabella ta' hawn taħt. Id-dispożizzjonijiet preċedenti huma mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 13 u 46 ta' dan ir-Regolament għaż-żoni speċifikati fihom. Il-qabdiet aċċessorji tar-raja ondjata għandhom jiġu rrappurtati separatament bil-kodiċi li ġej: (RJU/67AKXD). Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu iżjed mill-kwantitajiet ta' raja ondjata mogħtija hawn taħt:

| **Speċi:** | Raja ondjata<br>*Raja undulata* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIIe<br>(RJU/67AKXD) |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 9 | | |
| L-Estonja | 0 | | |
| Franza | 41 | | |
| Il-Ġermanja | 0 | | |
| L-Irlanda | 13 | | |
| Il-Litwanja | 0 | | |
| In-Netherlands | 0 | | |
| Il-Portugall | 0 | | |
| Spanja | 11 | | |
| Ir-Renju Unit | 26 | | |
| L-Unjoni | 100 | | |
| TAC | 100 | | TAC ta' prekawzjoni |

Kondizzjoni speċjali: li minnhom sa 5 % jistgħu jinstadu fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIId u jiġu rrappurtati bil-kodiċi li ġej: (RJU/*07D.). Din il-kondizzjoni speċjali hija mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 13 u 46 ta' dan ir-Regolament għaż-żoni speċifikati fihom.";

(g) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għar-rebekkini u r-raj fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIId hija sostitwita mit-tabella li ġejja:

| “**Speċi:** | Rebekkini u raj<br>*Rajiformes* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIId<br>(SRX/07D.) |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 87 (1) (2) (3) | | |
| Franza | 729 (1) (2) (3) | | |
| In-Netherlands | 5 (1) (2) (3) | | |
| Ir-Renju Unit | 145 (1) (2) (3) | | |
| L-Unjoni | 966 (1) (2) (3) | | |
| TAC | 966 (3) | | TAC ta' prekawzjoni |

(1) Il-qabdiet tar-raja kukù (Leucoraja naevus) (RJN/07D.), tar-raja tal-fosos (Raja clavata) (RJC/07D.), tar-raja batra (Raja brachyura) (RJH/07D.), tar-raja makkjettata (Raja montagui) (RJM/07D.) u tar-raja għewejna (Raja microocellata) (RJE/07D.) għandhom jiġu rrappurtati separatament.

(2) Kondizzjoni speċjali: li minnhom sa 5 % jistgħu jinstadu fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIa, VIb, VIIa-c u VIIe-k (SRX/*67AKD). Il-qabdiet tar-raja kukù (Leucoraja naevus) (RJN/*67AKD), tar-raja tal-fosos (Raja clavata) (RJC/*67AKD), tar-raja batra (Raja brachyura) (RJH/*67AKD) u tar-raja makkjettata (Raja montagui) (RJM/*67AKD) għandhom jiġu rrappurtati separatament. Din il-kondizzjoni speċjali ma tapplikax għar-raja għewejna (Raja microocellata) u għar-raja ondjata (Raja undulata).

(3) Ma tapplikax għar-raja ondjata (Raja undulata). Din l-ispeċi ma għandhiex tkun fil-mira fiż-żoni koperti minn din it-TAC. F'każijiet meta ma tkunx soġġetta għall-obbligu tal-ħatt l-art, il-qabda aċċessorja tar-raja ondjata fiż-żona koperta minn din it-TAC tista' biss tinħatt l-art sħiħa jew imnaddfa, u dment li ma tkunx tammonta għal iżjed minn 40 kilogramma ta' piż ħaj għal kull vjaġġ tas-sajd. Il-qabdiet għandhom jibqgħu taħt il-kwoti li jidhru fit-tabella ta' hawn taħt. Id-dispożizzjonijiet preċedenti huma mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 13 u 46 ta' dan ir-Regolament għaż-żoni speċifikati fihom. Il-qabdiet aċċessorji tar-raja ondjata għandhom jiġu rrappurtati separatament bil-kodiċi li ġej: (RJU/07D.). Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu iżjed mill-kwantitajiet ta' raja ondjata mogħtija hawn taħt:

| **Speċi:** | Raja ondjata<br>*Raja undulata* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIId<br>(RJU/07D.) |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 1 | | |
| Franza | 9 | | |
| In-Netherlands | 0 | | |
| Ir-Renju Unit | 2 | | |
| L-Unjoni | 12 | | |
| TAC | 12 | | TAC ta' prekawzjoni |

Kondizzjoni speċjali: li minnhom sa 5 % jistgħu jinstadu fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' VIIe u jiġu rrappurtati bil-kodiċi li ġej: (RJU/*67AKD). Din il-kondizzjoni speċjali hija mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 13 u 46 ta' dan ir-Regolament għaż-żoni speċifikati fihom.”;

(h) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għas-sawrell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' IIa, IVa; VI, VIIa-c,VIIe-k, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' Vb; l-ilmijiet internazzjonali ta' XII u XIV hija sostitwita mit-tabella li ġejja:

| **"Speċi:** | Sawrell u qabdiet aċċessorji assoċjati *Trachurus spp.* | **Żona:** | L-ilmijiet tal-Unjoni ta' IIa, IVa; VI, VIIa-c,VIIe-k, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali ta' Vb; l-ilmijiet internazzjonali ta' XII u XIV (JAX/2A-14) |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 10 629 (1) (3) | | |
| Il-Ġermanja | 8 294 (1) (2) (3) | | |
| Spanja | 11 312 (3) (5) | | |
| Franza | 4 269 (1) (2) (3) (5) | | |
| L-Irlanda | 27 621 (1) (3) | | |
| In-Netherlands | 33 276 (1) (2) (3) | | |
| Il-Portugall | 1 090 (3) (5) | | |
| L-Iżvezja | 675 (1) (3) | | |
| Ir-Renju Unit | 10 002 (1) (2) (3) | | |
| L-Unjoni | 107 168 | | |
| Il-Gżejjer Faeroe | 1 700 (4) | | |
| TAC | 108 868 | | TAC analitika |

(1) Kondizzjoni speċjali: sa 5 % ta' din il-kwota li tinstad fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' IIa jew IVa qabel it-30 ta' Ġunju 2016 tista' tingħadd li nstadet taħt il-kwota li tikkonċerna ż-żona tal-ilmijiet tal-Unjoni IVb, IVc u VIId (JAX/*4BC7D).

(2) Kondizzjoni speċjali: sa 5 % ta' din il-kwota tista' tinstad f'VIId (JAX/*07D.). Skont din il-kondizzjoni speċjali, u f'konformità man-nota (3) f'qiegħ il-paġna, il-qabdiet aċċessorji tal-minfaħ u tal-merlangu għandhom jiġu rrappurtati separatament b'dan il-kodiċi: (OTH/*07D.).

(3) Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-ħatt l-art, il-qabdiet tal-minfaħ, tal-merlangu u tal-kavalli jistgħu jingħaddu ma' mhux iżjed minn 5 % tal-kwota (OTH/*2A-14), dment li dawn il-qabdiet u l-qabdiet aċċessorji ta' dawk l-ispeċijiet li jingħaddu skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, b'kollox ma jirrappreżentawx iżjed minn 9 % ta' din il-kwota tas-sawrell.

(4) Limitat għal IVa, VIa (fit-Tramuntana 56° 30′ N biss), VIIe, f, h.

(5) Kondizzjoni speċjali: sa 50 % ta' din il-kwota tista' tinstad fi VIIIc (JAX/*08C2). Skont din il-kondizzjoni speċjali, u f'konformità man-nota (3) ta' qiegħ il-paġna, il-qabdiet aċċessorji tal-minfaħ u tal-merlangu għandhom jiġu rrappurtati separatament b'dan il-kodiċi: (OTH/*08C2)".

2. L-Anness IB tar-Regolament (UE) 2016/72 huwa emendat kif ġej:

(a) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet Norveġiżi ta' I u II hija sostitwita mit-tabella li ġejja:

| **"Speċi:** | Bakkaljaw<br>*Gadus morhua* | **Żona:** | L-ilmijiet Norveġiżi ta' I u II<br>(COD/1N2AB.) |
|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | 2 405 | | |
| Il-Greċja | 298 | | |
| Spanja | 2 682 | | |
| L-Irlanda | 298 | | |
| Franza | 2 207 | | |
| Il-Portugall | 2 682 | | |
| Ir-Renju Unit | 9 328 | | |
| L-Unjoni | 19 900 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC analitika<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax"; |

(b) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw f'I u II hija sostitwita mit-tabella li ġejja:

| **"Speċi:** | Bakkaljaw<br>*Gadus morhua* | **Żona:** | I u IIb<br>(COD/1/2B.) |
|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | 6 593 (3) | | |
| Spanja | 13 192 (3) | | |
| Franza | 3 122 (3) | | |
| Il-Polonja | 2 728 (3) | | |
| Il-Portugall | 2 643 (3) | | |
| Ir-Renju Unit | 4 403 (3) | | |
| Stati Membri oħra | 495 (1) (3) | | |
| L-Unjoni | 33 176 (2) | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC analitika<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax |

(1) Ħlief il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Polonja, il-Portugall u r-Renju Unit.

(2) L-allokazzjoni tas-sehem tal-istokkijiet tal-bakkaljaw li huma disponibbli għall-Unjoni fiż-żona ta' Spitzbergen u l-Gżira Bear u l-qabdiet aċċessorji assoċjati tal-merluzz tal-linja sewda huma għalkollox mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-obbligi li ġejjin mit-Trattat ta' Pariġi tal-1920.

(3) Il-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda jistgħu jirrappreżentaw sa 14 % għal kull qabda. Il-kwantitajiet tal-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda huma b'żieda mal-kwota tal-bakkaljaw";

(c) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tal-linja sewda fl-ilmijiet Norveġiżi ta' I u II hija sostitwita mit-tabella li ġejja:

| **"Speċi:** | Merluzz tal-linja sewda<br>*Melanogrammus aeglefinus* | **Żona:** | L-ilmijiet Norveġiżi ta' I u II<br>(HAD/1N2AB.) |
|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | 267 | | |
| Franza | 160 | | |
| Ir-Renju Unit | 820 | | |
| L-Unjoni | 1 247 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC analitika<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax"; |

(d) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għal speċijiet oħra (qabdiet aċċessorji) fl-ilmijiet ta' Greenland hija sostitwita mit-tabella li ġejja:

| **"Speċi:** | Qabdiet aċċessorji [1] | **Żona:** | L-ilmijiet ta' Greenland<br>(B-C/GRL) |
|---|---|---|---|
| L-Unjoni | 1 126 | | |
| AC | Mhux rilevanti | | TAC ta' prekawzjoni<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax |

[1] Il-qabdiet aċċessorji ta' grenadieri (*Macrourus* spp.) għandhom jiġu rrappurtati f'konformità mat-tabelli tal-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin: grenadieri fl-ilmijiet ta' Greenland ta' V u XIV (GRV/514GRN) u grenadieri fl-ilmijiet ta' Greenland ta' NAFO 1 (GRV/N1GRN.)".

3. Fl-Anness IF tar-Regolament (UE) 2016/72, it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-mera tal-Atlantiku fis-subdiviżjoni B1 tas-SEAFO hija sostitwita mit-tabella li ġejja:

| **"Speċi:** | Mera tal-Atlantiku<br>*Hoplostethus atlanticus* | **Żona:** | Is-Subdiviżjoni B1 tas-SEAFO [1]<br>(ORY/F47NAM) |
|---|---|---|---|
| TAC | 0 [2] | | TAC ta' prekawzjoni |

[1] Għall-fini ta' dan l-Anness, iż-żona miftuħa għas-sajd hija ddefinita bħala dik li għandha:
— il-konfini tagħha tal-Punent fuq il-lonġitudni 0° E,
— il-konfini tagħha tat-Tramuntana fuq il-latitudni 20° S,
— il-konfini tagħha tan-Nofsinhar fuq il-latitudni 28° S, u
— il-konfini tagħha tal-Lvant fil-limiti ta' barra nett taż-ŻEE tan-Namibja.

[2] Ħlief għal qabda aċċessorja permissibbli ta' 4 tunnellati (ORY/*F47NA).".

4. Fl-Anness IJ tar-Regolament (UE) 2016/72, it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għas-sawrell fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO hija sostitwita mit-tabella li ġejja:

| **"Speċi:** | Sawrell<br>*Trachurus murphyi* | **Żona:** | Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO<br>(CJM/SPRFMO) |
|---|---|---|---|
| Il-Ġermanja | 7 067,15 | | |
| In-Netherlands | 7 660,06 | | |
| Il-Litwanja | 4 917,5 | | |
| Il-Polonja | 8 455,29 | | |
| L-Unjoni | 28 100 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | TAC analitika<br>L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax<br>L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax". |

5. Fil-punt (b) tal-Appendiċi 1 għall-Anness IIA tar-Regolament (UE) 2016/72, l-isforz massimu permissibbli tas-sajd f'jiem kilowatt għan-Netherlands għal irkaptu regolat BT1 jinbidel għal "999 808".

6. L-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2016/72 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS VIII*

**IL-LIMITI KWANTITATTIVI TAL-AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TA' PAJJIŻI TERZI LI JISTADU FL-ILMIJIET TAL-UNJONI**

| Stat tal-Bandiera | Sajd | Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd | Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt |
|---|---|---|---|
| In-Norveġja | Aringi, fit-Tramuntana ta' 62° 00′ N | Għandu jiġi stabbilit | Għandu jiġi stabbilit |
| Il-Gżejjer Faeroe | Kavalli, VIa (fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N), IIa, IVa (fit-Tramuntana ta' 59° N)<br>Sawrell, IV, VIa (fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N), VIIe, VIIf, VIIh | 14 | 14 |
| | Aringi, fit-Tramuntana ta' 62° 00′ N | 20 | Għandu jiġi stabbilit |
| | Aringi, IIIa | 4 | 4 |
| | Sajd industrijali għan-Norway pout, IV, VIa (fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N) (inklużi qabdiet aċċessorji inevitatabbli tal-istokkafixx) | 14 | 14 |
| | Lipp u tusk | 20 | 10 |

| Stat tal-Bandiera | Sajd | Għadd ta' awtorizzazzjoni-jiet tas-sajd | Għadd massimu ta' basti-menti preżenti fi kwalunkwe waqt |
|---|---|---|---|
| | Stokkafixx, II, IVa, V, VIa (fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N), VIb, VII (fil-Punent ta' 12° 00′ W) | 20 | 20 |
| | Linarda | 16 | 16 |
| Il-Venezwela ([1]) | Snappers (l-ilmijiet tal-Guyana Franċiża) | 45 | 45 |

([1]) Sabiex jinħarġu dawk l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, għandu jintwera bil-provi li jeżisti kuntratt validu bejn sid il-bastiment li qiegħed japplika għall-awtorizzazzjoni tas-sajd u l-impriża tal-ipproċessar li tinsab fid-Dipartiment tal-Guyana Franċiża, u li dan jinkludi obbligu tal-ħatt l-art ta' minn tal-inqas 75 % tal-qabdiet kollha tal-isnappers mill-bastiment ikkonċernat f'dak id-Dipartiment sabiex b'hekk dawn ikunu jistgħu jiġu pproċessati fl-impjant ta' dik l-impriża. Tali kuntratt għandu jiġi approvat mill-awtoritajiet Franċiżi, li għandhom jiżguraw li hu konsistenti kemm mal-kapaċità proprja tal-impriża tal-ipproċessar kontraenti kif ukoll mal-objettivi għall-iżvilupp tal-ekonomija tal-Guyana. Kopja tal-kuntratt debitament approvat għandha tiġi annessa mal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd. Fejn tali approvazzjoni tinċaħad, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jinnotifikaw lill-parti kkonċernata u lill-Kummissjoni dwar din iċ-ċaħda u għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet tagħhom għal dan."

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/459**

**tat-18 ta' Marzu 2016**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2) u (3) u l-Artikolu 38(d) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 ([2]) jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li s-sistemi tal-produzzjoni u l-miżuri tal-kontroll tagħhom għall-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007.

(2) Ir-rikonoxximent tal-Kanada skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 attwalment japplika għal, *inter alia*, prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel u għalf b'ingredjenti organiċi li tkabbru fil-Kanada. Il-Kanada ressqet talba lill-Kummissjoni biex tespandi l-għarfien tagħha għall-prodotti pproċessati biex jintużaw bħala ikel u għalf b'ingredjenti organiċi importati minn pajjiżi terzi u ċċertifikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Kanada dwar il-prodotti organiċi. L-eżami tal-informazzjoni li tressqet ma' dik it-talba, il-kjarifiki sussegwenti pprovduti mill-Kanada u l-eżami fuq il-post tal-produzzjoni u tal-miżuri ta' kontroll applikati għall-prodotti pproċessati b'ingredjenti importati, wasslu għall-konklużjoni li f'dak il-pajjiż ir-regoli li jirregolaw il-produzzjoni u l-kontroll tal-prodotti pproċessati b'ingredjenti organiċi importati huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 ([3]). Konsegwentement, ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza tas-sistemi tal-produzzjoni u tal-miżuri ta' kontroll tal-Kanada għandu japplika wkoll għall-prodotti pproċessati biex jintużaw bħala ikel u għalf b'ingredjenti organiċi importati ċċertifikati skont il-leġiżlazzjoni Kanadiża.

(3) Barra minn hekk, ir-rikonoxximent eżistenti tal-Kanada jeskludi l-inbid organiku. Il-Kanada ressqet talba lill-Kummissjoni biex tespandi r-rikonoxximent tagħha għall-inbid organiku ċċertifikat skont il-leġiżlazzjoni tal-Kanada dwar il-prodotti organiċi. L-eżami tal-informazzjoni li tressqet ma' dik it-talba u l-kjarifiki sussegwenti pprovduti mill-Kanada wasslu għall-konklużjoni li f'dak il-pajjiż ir-regoli li jirregolaw il-produzzjoni u l-kontrolli tal-inbid organiku huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 834/2007 u (KE) Nru 889/2008. Konsegwentement, ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza tas-sistemi tal-produzzjoni u tal-miżuri ta' kontroll tal-Kanada għandu japplika wkoll għall-inbid organiku ċċertifikat skont il-leġiżlazzjoni Kanadiża.

(4) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 fih lista ta' awtoritajiet ta' kontroll u ta' korpi ta' kontroll li huma kompetenti biex iwettqu l-kontrolli u joħorġu ċ-ċertifikati f'pajjiżi terzi għall-fini ta' ekwivalenza. B'konsegwenza tal-espansjoni tar-rikonoxximent tal-Kanada għall-prodotti pproċessati biex jintużaw bħala ikel u għalf b'ingredjenti organiċi importati għall-inbid organiku ċċertifikat skont il-leġiżlazzjoni Kanadiża u l-emendi korrispondenti tal-Anness III ta' dak ir-Regolament, jeħtieġ li jitħassru mill-Anness IV ta' dak ir-Regolament il-korpi ta' kontroll rilevanti rikonoxxuti s'issa għall-importazzjoni ta' prodotti pproċessati biex jintużaw bħala ikel b'ingredjenti organiċi importati u tal-inbid organiku (il-kategorija D) mill-Kanada.

([1]) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

(5) Għaldaqstant, l-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għandhom jiġu emendati skont dan.

(6) Sabiex il-korpi ta' kontroll elenkati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li huma rikonoxxuti għall-Kanada fir-rigward tal-prodotti pproċessati biex jintużaw bħala ikel b'ingredjenti organiċi importati u tal-inbid organiku, jaddattaw ruħhom għall-emendi magħmula minn dan ir-Regolament, l-emenda tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għandha tapplika biss wara perjodu ta' żmien raġonevoli.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness III huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness IV huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt (2) tal-Artikolu 1 għandu japplika mis-7 ta' Lulju 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-entrata dwar il-Kanada, il-punt 1 "Kategoriji tal-prodotti", ir-ringiela "Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel", in-nota 1 f'qiegħ il-paġna hija mħassra;

(2) Il-Punt 2 "Oriġini" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. **Oriġini**: il-prodotti tal-kategorija A, B u F li tkabbru fil-Kanada u l-prodotti tal-kategorija D u E pproċessati fil-Kanada b'ingredjenti mkabbra organikament fil-Kanada jew li ġew importati lejn il-Kanada skont il-leġiżlazzjoni Kanadiża."

*ANNESS II*

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-entrata dwar "**CCOF Certification Services**", fil-punt 3, ir-ringiela dwar il-Kanada hija mħassra;

(2) Fl-entrata dwar "**Ecocert SA**", fil-punt 3, ir-ringiela dwar il-Kanada hija mħassra;

(3) Fl-entrata dwar "**IMOswiss AG**", fil-punt 3, ir-ringiela dwar il-Kanada hija mħassra;

(4) Fl-entrata dwar "**International Certification Services, Inc.**", fil-punt 3, ir-ringiela dwar il-Kanada hija mħassra;

(5) Fl-entrata dwar "**Letis S.A.**", fil-punt 3, ir-ringiela dwar il-Kanada hija mħassra;

(6) Fl-entrata dwar "**Oregon Tilth**", fil-punt 3, ir-ringiela dwar il-Kanada hija mħassra;

(7) Fl-entrata dwar "**Organic crop improvement association**", fil-punt 3, ir-ringiela dwar il-Kanada hija mħassra;

(8) Fl-entrata dwar "**Quality Assurance International**", fil-punt 3, ir-ringiela dwar il-Kanada hija mħassra.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/460

## tat-30 ta' Marzu 2016

## li jemenda l-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4)(a) u (5) u l-Artikolu 14(2) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 jimplimenta fil-liġi tal-Unjoni l-impenji stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni") approvata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE ([2]) f'isem il-Komunità, u fil-Protokoll tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja Li Jwassal Ħafna dwar Pollutanti Organiċi Persistenti approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/259/KE ([3]), f'isem il-Komunità.

(2) Fis-sitt laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni mit-28 ta' April sal-10 ta' Mejju 2013, kien hemm qbil li l-eżabromoċiklododekan (minn hawn 'il quddiem "HBCDD") jiżdied fl-Anness A (eliminazzjoni) tal-Konvenzjoni. L-eliminazzjoni ta' HBCDD fil-qafas tal-Konvenzjoni saret, madankollu, soġġett għal eżenzjoni speċifika, jiġifieri l-użu ta' HBCDD fil-polistiren estiż u l-polistiren estruż fil-bini u l-produzzjoni ta' HBCDD għal dak l-għan.

(3) Minħabba l-emendar tal-Konvenzjoni, hemm il-ħtieġa li jiġu emendati l-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004, billi HBCDD jiżdied mal-annessi u jiġu indikati l-limiti ta' konċentrazzjoni korrispondenti, sabiex ikun żgurat li l-iskart li jkun fih HBCDD jiġi ġestit f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. HBCDD għandu jiġi elenkat fl-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004.

(4) Il-limiti ta' konċentrazzjoni proposti fl-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 ġew iffissati permezz tal-applikazzjoni tal-istess metodoloġija li intużat għall-istabbilment tal-valuri limitu fl-emendi preċedenti tal-Annessi IV u V ([4]). Il-limiti ta' konċentrazzjoni proposti huma kkunsidrati l-iktar xierqa biex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa umana u l-ambjent minħabba d-distruzzjoni jew t-trasformazzjoni irriversibbli tal-HBCDD. Sabiex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi, u b'mod partikolari r-reviżjoni tal-linji gwida tekniċi ([5]) tal-Konvenzjoni ta' Basilea dwar il-Kontroll tal-Movimenti li Jaqsmu l-Fruntieri tal-Iskart ta' Riskju u d-Disponiment Minnhom, il-limitu ta' konċentrazzjoni fl-Anness IV għandu jiġi rivedut mill-Kummissjoni fi żmien tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament bil-ħsieb li jitbaxxa l-livell limitu.

(5) Biex jingħata biżżejjed żmien lill-kumpaniji u l-awtoritajiet kompetenti jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda, dan ir-Regolament għandu jibda japplika biss minn sitt xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat stabbilit skont l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]),

---

([1]) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/259/KE tad-19 ta' Frar 2004 li għandha x'taqsam mal-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġiż Transkonfini tal-Arja Li Jwassal Ħafna dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (ĠU L 81, 19.2.2004, p. 35).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1195/2006 tat-18 ta' Lulju 2006 li jemenda l-Anness IV mar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar inkwinanti organiċi persistenti (ĠU L 217, 8.8.2006, p. 1), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 172/2007 tas-16 ta' Frar 2007 li jemenda l-Anness V tar-Regolament Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 55, 23.2.2007, p. 1), ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 756/2010 tal-24 ta' Awwissu 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti fir-rigward tal-Annessi IV u V (ĠU L 223, 25.8.2010, p. 20) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1342/2014 tas-17 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti fir-rigward tal-Annessi IV u V (ĠU L 363, 18.12.2014, p. 67).

([5]) Id-Deċiżjoni BC-12/3

([6]) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi IV u V tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mit-30 ta' Settembru 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

Fit-tabella tal-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 850/2004, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

**Lista ta' sustanzi soġġetti għal dispożizzjonijiet ta' ġestjoni tal-iskart stabbiliti fl-Artikolu 7**

| Sustanza | Nru tal-CAS | Nru tal-KE | Limitu ta' konċentrazzjoni msemmi fl-Artikolu 7(4)(a) |
|---|---|---|---|
| "Eżabromoċiklododekan (*) | 25637-99-4,<br>3194-55-6,<br>134237-50-6,<br>134237-51-7,<br>134237-52-8 | 247-148-4<br>221-695-9 | 1 000 mg/kg, suġġett għal reviżjoni mill-Kummissjoni sal-20 ta' April 2019. |

(*) "Eżabromoċiklododekan" tfisser eżabromoċiklododekan, 1,2,5,6,9,10-eżabromoċiklododekan u d-diasterjoisomeri kollha maġġuri tiegħu; alfa-eżabromoċiklododekan, beta-eżabromoċiklododekan u gamma-eżabromoċiklododekan."

Fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 850/2004, il-Parti 2, it-tabella tinbidel bit-tabella li ġejja:

| "Skart kif klassifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE | | Limiti ta' konċentrazzjoni massima ta' sustanzi elenkati fl-Anness IV (1) | Operat |
|---|---|---|---|
| 10 | SKART MINN PROĊESSI TERMALI | Alkani $C_{10}$-$C_{13}$, kloru (paraffini klorurati ta' katina qasira) (SCCPs): 10 000 mg/kg;<br>Aldrin: 5 000 mg/kg;<br>Klordan: 5 000 mg/kg;<br>Klordekan: 5 000 mg/kg;<br>DDT (1,1,1-trikloro-2,2-bis (4-klorofenil) etan): 5 000 mg/kg;<br>Dieldrin: 5 000 mg/kg;<br>Endosulfan: 5 000 mg/kg;<br>Endrin: 5 000 mg/kg;<br>Ettaklor: 5 000 mg/kg;<br>Eżabromofenil: 5 000 mg/kg;<br>Eżabromoċiklododekan (3)1 000 mg/kg;<br>Eżaklorobenżen:5 000 mg/kg;<br>Eżaklorobutadjen: 1 000 mg/kg;<br>Eżakloroċikloeżani, inkluż lindan: 5 000 mg/kg;<br>Mireks: 5 000 mg/kg;<br>Pentaklorobenżen: 5 000 mg/kg;<br>Aċidu perfluworuoktan sulfoniku u d-derivattivi tiegħu (PFOS) ($C_8F_{17}SO_2X$) (X = OH, Melħ metalliku (O-$M^+$), aloġenur, amid, u derivattivi oħrajn inkluż polimeri): 50 mg/kg;<br>Bifenili Poliklorinati (PCB) (4): 50 mg/kg;<br>Dibenżo-p-diossini poliklorurati u dibenżofurani: 5 mg/kg;<br>Naftalini poliklorurati *: 1 000 mg/kg;<br>Somma ta' konċentrazzjonijiet ta' etere tat-tetrabromodifenil $C_{12}H_6Br_4O$), etere tal-pentabromodifenil ($C_{12}H_5Br_5O$), etere tal-eżabromodifenil ($C_{12}H_4Br_6O$) u etere tal-eptabromodifenil ($C_{12}H_3Br_7O$): 10 000 mg/kg;<br>Toksafen: 5 000 mg/kg. | Ħażna permanenti għandha tkun permessa biss meta jiġu milħuqin il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:<br>(1) Il-ħażna ssir f'wieħed mill-postijiet li ġejjin:<br>— formazzjonijiet sikuri, fondi u taħt l-art fil-blat iebes;<br>— minjieri tal-melħ<br>— sit ta' miżbla għal skart perikoluż, sakemm l-iskart ikun solidifikat jew parzjalment stabbilizzat fejn dan hu teknikament fattibbli kif meħtieġ għall-klassifikazzjoni tal-iskart fis-sottokapitolu 19 03 tad-Deċiżjoni 2000/532/KE<br>(2) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE (5) u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/33/KE (6) kienu rispettati;<br>(3) Intwera li l-operazzjoni magħżula hija ambjentalment preferibbli |
| 10 01 | Skart minn impjanti tal-enerġija u impjanti oħra ta' kombustjoni (minbarra 19) | | |
| 10 01 14 * (2) | Rmied tal-qiegħ, gagazza u trab tal-bojler minn ko-inċinerazzjoni li jkun fiha sustanzi perikolużi | | |
| 10 01 16 * | Irmied li jtir minn ko-inċinerazzjoni li jkun fih sustanzi perikolużi | | |
| 10 02 | Skart mill-industrija tal-ħadid u l-azzar | | |
| 10 02 07 * | Skart solidu mit-trattament tal-gass li fih sustanzi perikolużi | | |
| 10 03 | Skart mill-metallurġija termali tal-aluminju | | |
| 10 03 04 * | Gagazza tal-produzzjoni primarja | | |
| 10 03 08 * | Gagazza tal-melħ minn produzzjoni sekondarja | | |
| 10 03 09 * | Ħmieġ iswed tal-metall minn produzzjoni sekondarja | | |

| "Skart kif klassifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE | | Limiti ta' konċentrazzjoni massima ta' sustanzi elenkati fl-Anness IV (1) | Operat |
|---|---|---|---|
| 10 03 19 * | Trab mill-gass taċ-ċmieni li fih sustanzi perikolużi | | |
| 10 03 21 * | Partikuli oħra u trab (inkluż trab minn mitħna bl-isferi) li fihom sustanzi perikolużi | | |
| 10 03 29 * | Skart mit-trattament tal-gagazza tal-melħ u ħmieġ iswed li fihom sustanzi perikolużi | | |
| 10 04 | Skart minn metallurġija termali taċ-ċomb | | |
| 10 04 01 * | Gagazza minn produzzjoni primarja u sekondarja | | |
| 10 04 02 * | Ħmieġ u xkuma minn produzzjoni primarja u sekondarja | | |
| 10 04 04 * | Trab mill-gass taċ-ċmieni | | |
| 10 04 05 * | Partikuli oħra u trab | | |
| 10 04 06 * | Skart solidu mit-trattament tal-gass | | |
| 10 05 | Skart minn metallurġija termali taż-żingu | | |
| 10 05 03 * | Trab mill-gass taċ-ċmieni | | |
| 10 05 05 * | Skart solidu mit-trattament tal-gass | | |
| 10 06 | Skart minn metallurġija termali tar-ram | | |
| 10 06 03 * | Trab mill-gass taċ-ċmieni | | |
| 10 06 06 * | Skart solidu mit-trattament tal-gass | | |

| "Skart kif klassifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE | | Limiti ta' konċentrazzjoni massima ta' sustanzi elenkati fl-Anness IV (1) | Operat |
|---|---|---|---|
| 10 08 | Skart minn metallurġija termali oħra mhux ferruża | | |
| 10 08 08 * | Gagazza tal-melħ minn produzzjoni primarja u sekondarja | | |
| 10 08 15 * | Trab mill-gass taċ-ċmieni li fih sustanzi perikolużi | | |
| 10 09 | Skart mill-ikkastjar ta' biċċiet ferrużi | | |
| 10 09 09 * | Trab mill-gass taċ-ċmieni li fih sustanzi perikolużi | | |
| 16 | SKART MHUX SPEĊIFIKAT MOD IEĦOR FIL-LISTA | | |
| 16 11 | Żilġ u materjal refrattarju tal-iskart | | |
| 16 11 01 * | Żilġ ibbażat fuq il-karbonju u materjal refrattarju minn proċessi metallurġiċi li fihom sustanzi perikolużi | | |
| 16 11 03 * | Żilġ u materjal refrattarju oħra minn proċessi metallurġiċi li fihom sustanzi perikolużi | | |
| 17 | SKART TAL-KOSTRUZZJONI U TWAQQIGĦ (INKLUŻ ĦAMRIJA SKAVATA MINN SITI KONTAMINATI) | | |
| 17 01 | Konkrit, briks, madum u ċeramika | | |
| 17 01 06 * | Taħlitiet ta', jew frazzjonijiet separati ta' konkrit, briks, madum u ċeramika li fihom sustanzi perikolużi | | |

| "Skart kif klassifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE | | Limiti ta' konċentrazzjoni massima ta' sustanzi elenkati fl-Anness IV (1) | Operat |
|---|---|---|---|
| 17 05 | Ħamrija (inkluża ħamrija skavata minn siti kontaminati), ġebel u ħama mit-tħammil | | |
| 17 05 03 * | Ħamrija u ġebel li fihom sustanzi perikolużi | | |
| 17 09 | Skart ieħor tal-kostruzzjoni u tat-twaqqigħ | | |
| 17 09 02 * | Skart tal-kostruzzjoni u tat-twaqqigħ li fih il-PCB, ħlief tagħmir li fih il-PCB | | |
| 17 09 03 * | Skart ieħor tal-kostruzzjoni u tat-twaqqigħ (inkluż skart imħallat) li fih sustanzi perikolużi | | |
| 19 | SKART MINN FAĊILITAJIET TAL-ĠESTJONI TAL-ISKART, IMPJANTI MHUX FUQ IS-SIT GĦAT-TRATTAMENT TAL-ILMA MORMI U L-PREPARAZZJONI TAL-ILMA MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM U ILMA MILL-UŻU INDUSTRIJALI | | |
| 19 01 | Skart mill-inċinerazzjoni jew piroliżi tal-iskart | | |
| 19 01 07 * | Skart solidu mit-trattament tal-gass | | |
| 19 01 11 * | Irmied tal-qiegħ u gagazza li fihom sustanzi perikolużi | | |
| 19 01 13 * | Irmied li jtir li fih sustanzi perikolużi | | |
| 19 01 15 * | Trab tal-bojler li fih sustanzi perikolużi | | |

| "Skart kif klassifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE | | Limiti ta' konċentrazzjoni massima ta' sustanzi elenkati fl-Anness IV (1) | Operat |
|---|---|---|---|
| 19 04 | Skart vitrifikat u skart mill-vitrifikazzjoni | | |
| 19 04 02 * | Irmied li jtir u skart mit-trattament tat-trab li joħroġ miċ-ċmieni | | |
| 19 04 03 * | Fażi solida mhux vitrifikata | | |

(1) Dawn il-limiti japplikaw esklussivament għal miżbla ta' skart perikoluż u ma japplikawx għal faċilitajiet ta' ħżin taħt l-art permanenti għal skart perikoluż, inkluż minjieri tal-melħ.
(2) Kull start immarkat b'asterisk "*" hu kkunsidrat bħala skart perikoluż skont id-Direttiva 2008/98/KE u huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.
(3) "Eżabromoċiklododekan" tfisser eżabromoċiklododekan, 1,2,5,6,9,10-eżabromoċiklododekan u d-diasterjoisomeri kollha maġġuri tiegħu; alfa-eżabromoċiklodekan, beta-eżabromoċiklodekan u gamma-eżabromoċiklodekan
(4) Għandu japplika l-metodu ta' kalkulazzjoni mniżżel fl-istandards Ewropej EN 12766-1 u EN 12766-2.
(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1)
(6) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/33/KE tad-19 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi l-kriterji u l-proċeduri għall-aċċettazzjoni ta' skart u f'terraferma artifiċjali skont l-Artikolu 16 ta' u l-Anness II tad-Direttiva 1999/31/KE (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 27).

Il-limitu ta' konċentrazzjoni massima ta' dibenżo-p-diossini poliklorurati u dibenżofurani (PCDD u PCDF) għandu jiġi kkalkulat skont il-Fatturi ta' Ekwivalenza Tossika (TEFs) li ġejjin:

| PCDD | TEF |
|---|---|
| 2,3,7,8-TeCDD | 1 |
| 1,2,3,7,8-PeCDD | 1 |
| 1,2,3,4,7,8-HxCDD | 0,1 |
| 1,2,3,6,7,8-HxCDD | 0,1 |
| 1,2,3,7,8,9-HxCDD | 0,1 |
| 1,2,3,4,6,7,8-HpCDD | 0,01 |
| OCDD | 0,0003 |
| PCDF | TEF |
| 2,3,7,8-TeCDF | 0,1 |
| 1,2,3,7,8-PeCDF | 0,03 |
| 2,3,4,7,8-PeCDF | 0,3 |
| 1,2,3,4,7,8-HxCDF | 0,1 |
| 1,2,3,6,7,8-HxCDF | 0,1 |

| PCDD | TEF |
|---|---|
| 1,2,3,7,8,9-HxCDF | 0,1 |
| 2,3,4,6,7,8-HxCDF | 0,1 |
| 1,2,3,4,6,7,8-HpCDF | 0,01 |
| 1,2,3,4,7,8,9-HpCDF | 0,01 |
| OCDF | 0,0003” |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/461

## tat-30 ta' Marzu 2016

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 rigward l-aġġustament tal-miżati tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini mar-rata tal-inflazzjoni b'effett mill-1 ta' April 2016

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali ([1]), u b'mod partikolari l-ħames paragrafu tal-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 67(3) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), id-dħul tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini jikkonsisti minn kontribuzzjoni mingħand l-Unjoni u miżati li jitħallsu lilha mill-impriżi. Ir-Regolament (KE) Nru 297/95 jistabbilixxi l-kategoriji u l-livelli ta' dawn il-miżati.

(2) Dawn il-miżati għandhom jiġu aġġornati b'referenza għar-rata tal-inflazzjoni tal-2015. Ir-rata tal-inflazzjoni fl-Unjoni, skont kif ippubblikaha l-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea, fl-2015 kienet 0,2 %.

(3) Għal raġunijiet ta' sempliċità, il-livelli aġġustati tat-tariffi għandhom jiġu aġġustati lejn l-eqreb EUR 100.

(4) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 297/95 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, dan ir-Regolament ma għandux japplika għal applikazzjonijiet validi li jkunu pendenti fl-Il-Ġimgħa, 1 ta' April 2016.

(6) Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 297/95, l-aġġornament għandu jsir b'effett mill-1 ta' April 2016. Għalhekk jixraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza u li jibda japplika minn din id-data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 297/95 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa emendat kif ġej:

— fl-ewwel subparagrafu, "EUR 278 200" jinbidel għal "EUR 278 800",

— fit-tieni subparagrafu, "EUR 27 900" jinbidel għal "EUR 28 000",

(ii) il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

— fl-ewwel subparagrafu, "EUR 108 000" jinbidel għal "EUR 108 200",

— fit-tieni subparagrafu, "EUR 179 800" jinbidel għal "EUR 180 200",

([1]) ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

(iii) il-punt (c) huwa emendat kif ġej:

— fl-ewwel subparagrafu, "EUR 83 500" jinbidel għal "EUR 83 700",

— fit-tieni subparagrafu, "EUR 20 900 sa EUR 62 600" jinbidel għal "EUR 20 900 sa EUR 62 700";

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, "EUR 83 500" jinbidel għal "EUR 83 700",

(ii) fit-tieni subparagrafu, "EUR 20 900 sa EUR 62 600" jinbidel għal "EUR 20 900 sa EUR 62 700";

(c) il-paragrafu 6 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, "EUR 99 800" jinbidel għal "EUR 100 000",

(ii) fit-tieni subparagrafu, "EUR 24 900 sa EUR 74 800" jinbidel għal "EUR 24 900 sa EUR 74 900";

(2) fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4, "EUR 69 300" jinbidel għal "EUR 69 400";

(3) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa emendat kif ġej:

— fl-ewwel subparagrafu, "EUR 139 300" jinbidel għal "EUR 139 600",

— fir-raba' subparagrafu, "EUR 69 300" jinbidel għal "EUR 69 400",

(ii) il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

— fl-ewwel subparagrafu, "EUR 69 300" jinbidel għal "EUR 69 400",

— fit-tieni subparagrafu, "EUR 117 600" jinbidel għal "EUR 117 800",

— fil-ħames subparagrafu, "EUR 34 800" jinbidel għal "EUR 34 900",

(iii) il-punt (c) huwa emendat kif ġej:

— fl-ewwel subparagrafu, "EUR 34 800" jinbidel għal "EUR 34 900",

— fit-tieni subparagrafu, "EUR 8 700 sa EUR 26 100" jinbidel għal "EUR 8 700 sa EUR 26 200";

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, "EUR 41 700" jinbidel għal "EUR 41 800",

(ii) fit-tieni subparagrafu, "EUR 10 500 sa EUR 31 400" jinbidel għal "EUR 10 500 sa EUR 31 500",

(c) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6, "EUR 33 300" jinbidel għal "EUR 33 400";

(4) fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6, "EUR 41 700" jinbidel għal "EUR 41 800";

(5) fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7, "EUR 69 300" jinbidel għal "EUR 69 400";

(6) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) fit-tieni subparagrafu, "EUR 83 500" jinbidel għal "EUR 83 700",

(ii) fit-tielet subparagrafu, "EUR 41 700" jinbidel għal "EUR 41 800",

(iii) fir-raba' subparagrafu, "EUR 20 900 sa EUR 62 600" jinbidel għal "EUR 20 900 sa EUR 62 700",

(iv) fil-ħames subparagrafu, "EUR 10 500 sa EUR 31 400" jinbidel għal "EUR 10 500 sa EUR 31 500";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) fit-tieni subparagrafu, "EUR 278 200" jinbidel għal "EUR 278 800",

(ii) fit-tielet subparagrafu, "EUR 139 300" jinbidel għal "EUR 139 600",

(iii) fil-ħames subparagrafu, "EUR 3 000 sa EUR 239 800" jinbidel għal "EUR 3 000 sa EUR 240 300",

(iv) fis-sitt subparagrafu, "EUR 3 000 sa EUR 120 100" jinbidel għal "EUR 3 000 sa EUR 120 300".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal applikazzjonijiet validi li jkunu pendenti fl-1 ta' April 2016.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' April 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/462**

**tat-30 ta' Marzu 2016**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 324/2008 li jistabbilixxi proċeduri riveduti għal spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tissorvelja l-applikazzjoni mill-Istati Membri tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 u tad-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), il-Kummissjoni għandha twettaq spezzjonijiet. L-organizzazzjoni ta' spezzjonijiet taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni hija meħtieġa sabiex tiġi vverifikata l-effettività tas-sistemi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità kif ukoll tal-miżuri, tal-proċeduri u tal-istrutturi fil-livell nazzjonali marbuta mas-sigurtà marittima.

(2) Fit-twettiq l-ispezzjonijiet, il-Kummissjoni hija assistita mill-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Fit-twettiq tal-ispezzjonijiet fil-kuntest taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), il-Kummissjoni titlob l-għajnuna tal-ispetturi nazzjonali elenkati mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) skont id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 116/2008 ([4]).

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 324/2008 ([5]) jistabbilixxi regoli ta' proċedura biex fl-ispezzjonijiet tagħha fil-qasam tas-sigurtà marittima, il-Kummissjoni taħdem b'mod trasparenti, effettiv, armonizzat u konsistenti.

(4) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-2008, huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 324/2008 jitwettqu b'mod konsistenti skont proċedura stabbilita, li tinkludi metodoloġija standard. Il-miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-eżerċizzju tal-poteri tal-Kummissjoni għandhom jkunu effiċjenti u trasparenti.

(5) Id-definizzjonijiet tat-termini użati fil-kuntest tat-twettiq tal-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni għandhom jiġu żviluppati aktar. Ir-reviżjonijiet ma jestendux il-kamp ta' applikazzjoni tal-ispezzjonijiet lil hinn mill-kompetenza eżistenti.

(6) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni flimkien matul it-tħejjija u t-twettiq tal-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni.

(7) Il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibbiltà li fit-tims tagħha tal-ispezzjoni tinkludi spetturi nazzjonali kwalifikati li l-Istati Membri jagħmlu għad-dispożizzjoni tagħha u li jkunu jissodisfaw il-kriterji meħtieġa ta' kwalifika u ta' taħriġ.

(8) Biex l-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni jimxu skont proċedura trasparenti u effiċjenti, id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu ċari u żviluppati aktar, partikularment fil-każ ta' spezzjoni ta' bastiment li titwettaq f'port ta' Stat Membru differenti minn dak tal-port tal-imbarkazzjoni. Il-kwistjoni tal-ispezzjoni ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-UE f'post barra mill-Unjoni Ewropea għandha tiġi ċċarata biex jiġu ttrattati l-limitazzjonijiet loġistiċi speċifiċi ta' dawn l-ispezzjonijiet.

([1]) ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6.
([2]) Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28).
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenziji Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 116/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE (ĠU L 339, 18.12.2008, p. 106).
([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 324/2008 tad-9 ta' April 2008 li jistabbilixxi proċeduri riveduti għal spezzjonijiet mill-Kummissjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima (ĠU L 98, 10.4.2008, p. 5).

(9) L-informazzjoni sensittiva iżda mhux ikklassifikata relatata ma' spezzjoni għandha tiġi ttrattata b'miżuri ta' sigurtà stretti sabiex tiġi ggarantita l-kunfidenzjalità tagħha u ma tiġix żvelata.

(10) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 324/2008 għandu jiġi emendat skont kif inhu xieraq.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi fir-Regolament (KE) Nru 324/2008**

Ir-Regolament (KE) Nru 324/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 u 2 jinbdlu b'dan li ġej:

"1. 'Spezzjoni mill-Kummissjoni' tfisser eżaminazzjoni minn spetturi tal-Kummissjoni tas-sistemi ta' kontroll tal-kwalità, tal-miżuri, tal-proċeduri u tal-istrutturi nazzjonali tas-sigurtà marittima tal-Istati Membri, biex tiġi ddeterminata l-konformità tagħhom mar-Regolament (KE) Nru 725/2004 u l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2005/65/KE. Din tista' tinkludi spezzjonijiet tal-portijiet, tal-faċilitajiet tal-port, il-bastimenti tal-awtoritajiet kompetent għas-sigurtà marittima jew tal-kumpaniji, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 725/2004. Din tista' tinkludi wkoll spezzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' sigurtà rikonoxxuti, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 u fl-Anness IV tad-Direttiva 2005/65/KE relattiva għall-organizzazzjonijiet rikonoxxuti tas-sigurtà,

2. 'spettur tal-Kummissjoni' tfisser persuna li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 7, impjegata mill-Kummissjoni, jew impjegata mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, jew tkun spettur nazzjonali, mibgħut mill-Kummissjoni biex jipparteċipa fl-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni, elenkat mill-Istati Membri jew mill-Istati Membri tal-EFTA.",

(b) il-punt 11 jinbidel b'dan li ġej:

"11. 'port' tfisser iż-żona ġewwa l-fruntieri ddefiniti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2005/65/KE, u nnotifikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 12 tagħha;",

(c) jiżdiedu l-punti 12, 13, 14, 15, 16 u 17 li ġejjin:

"12. 'miżura korrettiva provviżorja' tfisser miżura temporanja jew firxa ta' miżuri bil-għan li jillimitaw sal-livell massimu prattikabbli l-impatt ta' nuqqas maġġuri ta' konformità jew nuqqas ta' konformità identifikat waqt it-twettiq tal-ispezzjoni qabel ma tkun tista' ssir il-korrezzjoni sħiħa;

13. 'informazzjoni klassifikata' tfisser informazzjoni identifikata jew identifikabbli miksuba matul it-twettiq tal-attivitajiet tal-ispezzjoni li jekk tiġi żvelata taf twassal għal ksur tas-sigurtà, ikklassifikata skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 (*) jew skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti tal-Istati Membri;

14. 'informazzjoni sensittiva iżda mhux ikklassifikata' tfisser materjal relatat mal-ispezzjoni jew informazzjoni miksuba matul it-twettiq tal-attivitajiet ta' spezzjoni, li jekk tiġi żvelata taf twassal għal ksur tas-sigurtà u li tista' tinqasam abbażi tal-ħtieġa ta' tagħrif;

15. 'mhux ikkonfermata' tfisser sejba li ssir waqt spezzjoni mill-Kummissjoni, li li tindika li ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 jew id-Diretiva 2005/65/KE ma ġietx sodisfata iżda mhix issostanzjata b'evidenza oġġettiva;

16. 'Kumitat' tfisser il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004;

17. 'rappreżentant ta' Stat tal-bandiera' tfisser membru tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li l-bastiment ikun itajjar il-bandiera tiegħu jew, jekk ikun innominat minn dak l-Istat Membru, ikun rappreżentant ta' organizzazzjoni ta' sigurtà rikonoxxuta.

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53)."

(2) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 3*

**Il-kooperazzjoni tal-Istati Membri**

1. Mingħajr ħsara għar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni fit-twettiq tal-ispezzjonijiet tagħha. Għandu jkun hemm din il-kooperazzjoni matul il-fażijiet ta' tħejjija, ta' sorveljanza u ta' rrappurtar.

2. L-Istati Membri jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li n-notifika ta' spezzjoni:

(a) tinżamm taħt miżuri stretti ta' sigurtà biex jiġi ggarantit li ma tiġix żvelata sabiex ma jiġix kompromess il-proċess ta' spezzjoni; kif ukoll

(b) tiġi kkomunikata lill-partijiet rilevanti abbażi tal-ħtieġa ta' għarfien.";

(3) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li, meta jintalab, l-ispetturi tal-Kummissjoni jkollhom aċċess f'waqtu għad-dokumentazzjoni tas-sigurtà rilevanti meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet tal-ispezzjoni, u b'mod partikolari li:

(a) il-programm nazzjonali għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 msemmi fl-Artikolu 9(3) ta' dak ir-Regolament;

(b) l-aġġornamenti l-aktar riċenti tad-dejta pprovduti mill-punt ta' kuntatt u r-rapporti tal-monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004;

(c) l-eżitu tal-monitoraġġ mill-Istati Membri tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' sigurtà tal-portijiet;

(d) il-valutazzjonijiet tas-sigurtà tal-bastiment, tal-port u tal-faċilità tal-port rilevanti, u l-pjanijiet tas-sigurtà tal-bastiment, il-port u l-faċilità tal-port rilevanti, ir-rekords tad-drills u tal-eżerċizzji ta' taħriġ għall-bastiment, il-port u l-faċilità tal-port waqt li l-Kummissjoni tkun qiegħda twettaq l-ispezzjonijiet;

(e) in-notifiki mill-Istati Membri tad-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 meħuda wara l-valutazzjoni obbligatorja tar-riskji għas-sigurtà;

(f) kwalunkwe linja gwida, istruzzjoni jew proċedura maħruġa mill-Istat Membru għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 u d-Direttiva 2005/65/KE.";

(4) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Bi ftehim mal-Kummissjoni, sa fejn ikun prattiku, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli spetturi nazzjonali li kapaċi jieħdu sehem fl-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni, inklużi fil-fażijiet relatati ta' tħejjija u ta' rappurtar.",

(b) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. It-talbiet biex l-ispetturi nazzjonali jipparteċipaw fl-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni għandhom jiġu kkomunikati fi żmien xieraq, normalment mill-anqas xahrejn qabel ma tkun se titwettaq l-ispezzjoni.";

(5) L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 6*

**Assistenza teknika mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fl-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni**

Fir-rigward tal-għoti ta' assistenza teknika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni esperti tekniċi biex jipparteċipaw fi spezzjonijiet mill-Kummissjoni, inklużi fil-fażijiet relatati ta' tħejjija u rappurtar."

(6) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) għarfien operazzjonali tajjeb tat-teknoloġiji u t-tekniki tas-sigurtà,",

(ii) il-punt (d) jinbidel b'dan li ġej:

"(d) għarfien operazzjonali tal-operazzjonijiet soġġetti għal eżami;",

(iii) jiżdiedu l-punti (e) u (f) li ġejjin:

"(e) kuxjenza dwar ir-rekwiżiti tas-saħħa, is-sigurtà u tas-sigurtà biex wieħed jaħdem f'ambjent marittimu;

(f) għarfien tar-rekwiżiti legali prinċipali applikabbli fil-qasam tas-sigurtà marittima.",

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Sabiex jikkwalifikaw għall-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni, l-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom jispiċċaw b'suċċess taħriġ biex iwettqu dawn l-ispezzjonijiet. Perjodikament, l-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom jitħarrġu mill-inqas kull ħames snin, sabiex jaġġornaw l-għarfien tagħhom.",

(c) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Jekk matul spezzjoni preċedenti, l-imġiba jew il-prestazzjoni ta' spettur ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, dak l-ispettur ma għandux jiġi nnominat aktar għall-kompiti ta' spezzjoni mill-Kummissjoni.";

(7) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru li tkun se ssir l-ispezzjoni fit-territorju tiegħu tal-anqas sitt ġimgħat qabel.

Flimkien mal-avviż formali tal-ispezzjoni, lill-punt ta' kuntatt il-Kummissjoni tista' tikkomunikalu kwestjonarju ta' qabel l-ispezzjoni biex jimtela' mill-awtorità kompetenti, flimkien ma' talba għal kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti. Il-kwestjonarju mimli u kwalunkwe dokumentazzjoni mitluba għandhom jingħataw lill-Kummissjoni tal-anqas ġimagħtejn qabel ma tkun skedata li tibda l-ispezzjoni.

Il-perjodu ta' avviż formali previst fl-ewwel subparagrafu jista' jitnaqqas għal mhux inqas minn ġimagħtejn, u dan kemm-il darba l-Kummissjoni taġixxi b'reazzjoni għal avveniment eċċezzjonali li jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-livell ġenerali tas-sigurtà marittima fl-Unjoni Ewropea u dejjem jekk il-Kummissjoni tkun ikkonsultat il-punt ta' kuntatt ikkonċernat qabel ma tagħti l-avviż formali. F'dak il-każ it-tieni subparagrafu ma japplikax.",

(b) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"5. Fejn l-Istat tal-bandiera hu Stat Membru, il-Kummissjoni għandha, kemm jista' jkun malajr, tinforma lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membri li l-bastiment jista' jiġi spezzjonat meta jkun fil-faċilità tal-port. Jekk spezzjoni tkun biex tkopri l-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru differenti minn dak tal-awtorità li tkun qed tiġi spezzjonata, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-punt ta' kuntatt tal-Istat tal-bandiera sabiex ikunu jistgħu jsiru l-arranġamenti prattiċi meħtieġa biex issir l-ispezzjoni abbord dak il-bastiment.",

(c) il-paragrafu 9 jinbidel b'dan li ġej:

"9. Meta l-Kummissjoni tattendi spezzjoni jew verifika nazzjonali ta' bastiment f'post barra mill-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-punt ta' kuntatt sabiex issegwi l-ispezzjonijiet jew il-verifiki mar-rappreżentant tal-bandiera.";

(8) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Għandha tintuża metodoloġija standard sabiex jiġi mmonitorjat kif l-Istati Membri jkunu qegħdin japplikaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà marittima kif stipulati fir-Regolament (KE) Nru 725/2004 u fid-Direttiva 2005/65/KE.

2. L-ispetturi tal-Kummissjoni, waqt li jwettqu l-attività tal-ispezzjonijiet, għandhom ikunu l-ħin kollu akkumpanjati minn rappreżentant tal-awtorità kompetenti rilevanti. Dak ir-rappreżentant ma għandux jippreġudika l-effiċjenza jew l-effikaċja tal-ispezzjoni.

L-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu b'mod li jfixkel mill-inqas l-operazzjonijiet kummerċjali. Sabiex jinkiseb dan, kull meta jkun il-każ u bi qbil minn qabel bejn l-Istat tal-bandiera u l-kaptan tal-bastiment, spezzjoni ta' bastiment li tkun bdiet fil-port tista' titkompla wara li l-bastiment iħalli l-port.

Jekk bastiment li jkun soġġett għal spezzjoni ikun qed jaqdi servizzi internazzjonali skedati bejn żewġ Stati Membri jew aktar, l-ispezzjoni tista' wkoll tkun relatata mal-operazzjonijiet tal-imbarkazzjoni u tal-iżbark tal-passiġġieri u tal-vetturi fuq kull naħa tal-vjaġġ. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tavża lill-punt ta' kuntatt tal-port tal-Istat Membru bil-wasla f'konformità mal-Artikolu 8(1).",

(b) il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, meta possibbli u skont il-każ, l-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom jagħtu ġabra fil-qosor informali u bil-fomm ta' dak li jkun irriżultalhom fuq il-post.

Il-punt ta' kuntatt rilevanti għandu jiġi infurmat mill-ewwel dwar kull nuqqas maġġuri ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 725/2004 jew mad-Deċiżjoni 2005/65/KE identifikat minn spezzjoni mill-Kummissjoni, qabel ma jitlesta r-rapport ta' spezzjoni skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

Madankollu, f'każijiet fejn spettur tal-Kummissjoni li jkun qed iwettaq l-ispezzjoni ta' bastiment isib nuqqas maġġuri ta' konformità li jeħtieġ azzjoni skont l-Artikolu 16, il-kap tat-tim għandu jgħarraf b'dan minnufih lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru bil-miktub".

(c) jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

"7. L-ispetturi tal-Kummissjoni għandhom iwettqu l-ispezzjonijiet b'mod effiċjenti u effikaċi, u jagħtu l-importanza dovuta lis-sikurezza u lis-sigurtà.";

(9) Fl-Artikolu 11, il-paragrafi 4 u 5 jinbidlu b'dan li ġej:

"4. Meta tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 u tad-Direttiva 2005/65/KE skont dan ir-Regolament, is-sejbiet għandhom jiġu kklassifikati f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(a) konformi;

(b) konformi, iżda jeħtieġ titjib;

(c) nuqqas ta' konformità;

(d) nuqqas maġġuri ta' konformità;

(e) mhux ikkonfermat.

5. Ir-rapport għandu jindika fid-dettall is-sejbiet li joħorġu minn dik l-ispezzjoni bħala "nuqqas maġġuri ta' konformità", "nuqqas ta' konformità", "konformi, iżda jeħtieġ titjib" u "mhux ikkonfermat" fl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 jew tad-Direttiva 2005/65/KE skont dan ir-Regolament.

Ir-rapport jista' jkun fih rakkomandazzjonijiet għal azzjoni korrettiva."

(10) fl-Artikolu 12, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Meta Stat Membru jipproponi miżuri korrettivi immedjati biex jindirizza nuqqas maġġuri ta' konformità misjub, dan għandu jinnotifika minnufih lill-Kummissjoni dwarhom qabel ma l-Kummissjoni toħroġ rapport ta' spezzjoni. F'każ bħal dan, ir-rapport għandu jsemmi l-għadd ta' azzjonijiet korrettivi li ttieħdu mill-Istat Membru. Jekk jittieħdu biss miżuri provviżorji, l-Istat Membru għandu minnufih jinnotifika b'dan lill-Kummissjoni u għandu jinformaha wkoll dwar l-iskadenza sa meta jridu jiġu implimentati l-azzjonijiet sħaħ u korrettivi finali.";

(11) L-Artikoli 14 u 15 jinbidlu b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

**Il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni**

F'konformità mar-regoli fis-seħħ li japplikaw, meta jsiru spezzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà marittima, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tipproteġi l-informazzjoni klassifikata li jkollha aċċess għaliha, jew li tkun ġiet ikkomunikata lilha mill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri ekwivalenti b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

L-informazzjoni sensittiva iżda mhux ikklassifikata tista' tiġi skambjata bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, sakemm dawn jipproteġu din l-informazzjoni skont ir-rekwiżiti applikabbli li jiggarantixxu l-kunfidenzjalità tagħha.

*Artikolu 15*

**Programm ta' spezzjoni tal-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu parir mill-Kumitat dwar il-prioritajiet għall-implimentazzjoni tal-programm ta' spezzjoni tagħha.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' spezzjoni u tikkomunikalu r-riżultati tal-ispezzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha taqsam mal-Istati Membri dawk il-prattiki tajba li jkunu ġew osservati waqt l-ispezzjonijiet..

Normalment ir-rapporti tal-ispezzjoni jingħataw lill-Kumitat:

(a) hekk kif tasal ir-risposta tal-Istat Membru skont l-Artikolu 12(1), u

(b) meta jingħalaq il-fajl.";

(12) fl-Artikolu 16, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Jekk spezzjoni tikxef nuqqas maġġuri ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 725/2004 jew mad-Direttiva 2005/65/KE li jitqies li jkollu impatt sinifikanti fuq il-livell ġenerali tas-sigurtà marittima fl-Unjoni li ma jistax jiġi indirizzat minnufih għall-inqas b'miżuri korrettivi ta' natura provviżorja, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra immedjatament wara li tkun avżat lill-Istat Membru kkonċernat b'dan in-nuqqas maġġuri ta' konformità.".

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/463

## tat-30 ta' Marzu 2016

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 153,0 |
| | MA | 100,3 |
| | TR | 112,4 |
| | ZZ | 121,9 |
| 0707 00 05 | MA | 82,7 |
| | TR | 134,4 |
| | ZZ | 108,6 |
| 0709 93 10 | EG | 44,3 |
| | MA | 43,9 |
| | TR | 156,3 |
| | ZZ | 81,5 |
| 0805 10 20 | EG | 44,2 |
| | IL | 76,8 |
| | MA | 57,5 |
| | TN | 68,9 |
| | TR | 72,3 |
| | ZA | 47,6 |
| | ZZ | 61,2 |
| 0808 10 80 | BR | 90,3 |
| | CL | 97,2 |
| | US | 135,9 |
| | ZA | 99,1 |
| | ZZ | 105,6 |
| 0808 30 90 | AR | 134,1 |
| | CL | 119,9 |
| | CN | 88,3 |
| | TR | 159,2 |
| | ZA | 111,5 |
| | ZZ | 122,6 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/464

**tad-29 ta' Marzu 2016**

**li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri, fir-rigward tal-entrati għall-Estonja u għall-Polonja**

*(notifikata bid-dokument C(2016) 1701)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intraKomunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u żootekniku applikabbli għall-kummerċ intraKomunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([3]), u b'mod partikulari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE ([4]) tistabbilixxi miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri. L-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiddemarka u jelenka ċerti żoni ta' dawk l-Istati Membri fil-Partijiet I, II, III u IV ta' dak l-Anness differenzjati permezz tal-livell tar-riskju abbażi tas-sitwazzjoni epidemjoloġika. Dik il-lista tinkludi ċerti żoni tal-Estonja, tal-Italja, tal-Latvja, tal-Litwanja u tal-Polonja.

(2) Minn Frar 2015, ma ġiet innotifikata l-ebda tifqigħa tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fi ħnieżer domestiċi fiż-żoni tal-Polonja li huma elenkati fil-Parti III tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE. Barra minn hekk, is-superviżjoni ta' miżuri ta' bijosigurtà ġiet implimentata b'mod sodisfaċenti fi stabbilimenti f'dawk iż-żoni abbażi tal-programm nazzjonali għall-bijosigurtà għall-prevenzjoni tat-tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer. Dawn il-fatti jindikaw titjib fis-sitwazzjoni epidemjoloġika. Għaldaqstant, dawk iż-żoni ta' dak l-Istat Membru issa għandhom jitniżżlu fil-Parti II, minflok fil-Parti III, tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE.

(3) Fi Frar 2016, kien hemm okkorrenza ta' każ wieħed tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċinġjal fl-Estonja, fiż-żoni elenkati fil-Parti II tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE, qrib ħafna taż-żoni elenkati fil-Parti I ta' dak l-Anness. Għadaqstant, ċerti żoni mniżżla fil-Parti I għandhom jitniżżlu fil-Parti II tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE.

(4) L-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fl-Unjoni fir-rigward tad-deni Afrikan tal-ħnieżer għandha titqies fil-valutazzjoni tar-riskju rrappreżentata mis-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fir-rigward ta' dik il-marda

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/709/UE tad-9 ta' Ottubru 2014 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbutin mad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'ċertu Stati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/178/UE (ĠU L 295, 11.10.2014, p. 63).

fl-Estonja u fil-Polonja. Biex jiġu ffukati l-miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali u jiġi evitat aktar tixrid tad-deni Afrikan tal-ħnieżer, kif ukoll biex jiġi evitat kull xkiel mhux meħtieġ għall-kummerċ fl-Unjoni u jiġu evitati ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ minn pajjiżi terzi, il-lista tal-Unjoni taż-żoni soġġetti għall-miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE, għandha tiġi emendata biex jitqiesu l-bidliet fis-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward ta' dik il-marda fl-Estonja u fil-Polonja.

(5) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE għandha tiġi emendata biex jiġu modifikati ż-żoni elenkati fil-Partijiet I u II tal-Estonja u l-Partijiet II u III tal-Polonja.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/709/UE jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kummissjoni*
Vytenis ANDRIUKAITIS
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANNESS*

PARTI I

1. **L-Estonja**

Iż-żoni li ġejjin fl-Estonja:

— il-linn ta' Keila,

— il-linn ta' Kunda,

— il-linn ta' Loksa,

— il-linn ta' Maardu,

— il-linn ta' Mustvee,

— il-linn ta' Pärnu,

— il-linn ta' Saue,

— il-linn ta' Tallinn,

— il-maakond ta' Läänemaa,

— il-parti tal-vald ta' Jõelähtme li tinsab fit-Tramuntana tat-triq numru 1 (E20),

— il-parti tal-vald ta' Kuusalu li tinsab fit-Tramuntana tat-triq numru 1 (E20),

— il-vald ta' Audru,

— il-vald ta' Haljala,

— il-vald ta' Harku,

— il-vald ta' Keila,

— il-vald ta' Kernu,

— il-vald ta' Kiili,

— il-vald ta' Koonga,

— il-vald ta' Lavassaare,

— il-vald ta' Nissi,

— il-vald ta' Padise,

— il-vald ta' Saku,

— il-vald ta' Saue,

— il-vald ta' Sauga,

— il-vald ta' Sindi,

— il-vald ta' Tõstamaa,

— il-vald ta' Varbla,

— il-vald ta' Vasalemma,

— il-vald ta' Vihula,

— il-vald ta' Viimsi.

2. **Il-Latvja**

Iż-żoni li ġejjin fil-Latvja:

— fin-novads ta’ Ogres, il-pagasti ta’ Suntažu u Ogresgala,

— in-novads ta’ Ādažu,

— in-novads ta’ Amatas,

— in-novads ta’ Carnikavas,

— in-novads ta’ Garkalnes,

— in-novads ta’ Ikšķiles,

— in-novads ta’ Inčukalna,

— in-novads ta’ Jaunjelgavas,

— in-novads ta’ Ķeguma,

— in-novads ta’ Līgatnes,

— in-novads ta’ Mālpils,

— in-novads ta’ Neretas,

— in-novads ta’ Ropažu,

— in-novads ta’ Salas,

— in-novads ta’ Siguldas,

— in-novads ta’ Vecumnieku,

— in-novads ta’ Viesītes.

3. **Il-Litwanja**

Iż-żoni li ġejjin fil-Litwanja:

— fir-rajono savivaldybė ta’ Jurbarkas, is-seniūnijos ta’ Raudonės, Veliuonos, Seredžiaus u Juodaičių,

— fir-rajono savivaldybė ta’ Pakruojis, is-seniūnijos ta’ Klovainių, Rozalimo u Pakruojo,

— fir-rajono savivaldybė ta’ Panevežys, il-parti tas-seniūnijos ta’ Krekenavos li tinsab fil-punent tax-xmara Nevėžis,

— fir-rajono savivaldybė ta’ Raseiniai, is-seniūnijos ta’ Ariogalos, il-miestas ta’ Ariogalos, Betygalos, Pagojukų u Šiluvos,

— fir-rajono savivaldybė ta’ Šakiai, is-seniūnijos ta’ Plokščių, Kriūkų, Lekėčių, Lukšių, Griškabūdžio, Barzdų, Žvirgždaičių, Sintautų, Kudirkos Naumiesčio, Slavikų, Šakių,

— ir-rajono savivaldybė ta’ Pasvalys,

— ir-rajono savivaldybė ta’ Vilkaviškis,

— ir-rajono savivaldybė ta’ Radviliškis,

— is-savivaldybė ta’ Kalvarija,

— is-savivaldybė ta’ Kazlų Rūda,

— is-savivaldybė ta’ Marijampolė.

4. **Il-Polonja**

Iż-żoni li ġejjin fil-Polonja:

Fil-województwo podlaskie:

— il-gminy ta' Augustów bil-bliet ta' Augustów, Nowinka, Płaska, Sztabin u Bargłów Kościelny fil-powiat ta' augustowski,

— il-gminy ta' Choroszcz, Juchnowiec Kościelny, Suraż, Turośń Kościelna, Tykocin, Łapy, Poświętne, Zawady u Dobrzyniewo Duże fil-powiat białostocki,

— il-gminy ta' Dubicze Cerkiewne, Kleszczele u Czeremcha fil-powiat hajnowski,

— il-gminy ta' Grodzisk, Dziadkowice u Milejczyce fil-powiat siemiatycki,

— il-gminy ta' Kobylin-Borzymy, Kulesze Kościelne, Sokoły u Wysokie Mazowieckie bil-bliet ta' Wysokie Mazowieckie, Nowe Piekuty, Szepietowo, Klukowo u Ciechanowiec fil-powiat ta' powiat wysokomazowiecki,

— il-poviat sejneński,

— il-gminy ta' Rutka-Tartak, Szypliszki, Suwałki u Raczki fil-powiat suwalski,

— il-gmina ta' Rutki fil-powiat zambrowski,

— il-gminy ta' Suchowola u Korycin fil-powiat sokólski,

— il-powiat ta' bielski,

— il-powiat M. Białystok,

— il-powiat M. Suwałki,

— il-powiat ta' moniecki.

PARTI II

1. **L-Estonja**

Iż-żoni li ġejjin fl-Estonja:

— il-linn ta' Kallaste,

— il-linn ta' Rakvere,

— il-linn ta' Tartu,

— il-linn ta' Vändra,

— il-linn ta' Viljandi,

— il-maakond ta' Ida-Virumaa,

— il-maakond ta' Põlvamaa,

— il-maakond ta' Raplamaa,

— il-parti tal-vald ta' Jõelähtme li tinsab fin-Nofsinhar tat-triq numru 1 (E20),

— il-parti tal-vald ta' Kuusalu li tinsab fin-Nofsinhar tat-triq numru 1 (E20),

— il-parti tal-vald ta' Palamuse li tinsab fil-Lvant tal-linja ferrovjarja ta' Tallinn-Tartu,

— il-parti tal-vald ta' Pärsti li tinsab fil-Punent tat-triq numru 24126,

— il-parti tal-vald ta' Suure-Jaani li tinsab fil-Punent tat-triq numru 49,

— il-parti tal-vald ta' Tabivere li tinsab fil-Lvant tal-linja ferrovjarja ta' Tallinn-Tartu,

— il-parti tal-vald ta' Tamsalu li tinsab fil-Grigal tal-linja ferrovjarja ta' Tallinn-Tartu,

— il-parti tal-vald ta' Tartu li tinsab fil-Lvant tal-linja ferrovjarja ta' Tallinn-Tartu,

— il-parti tal-vald ta' Viiratsi li tinsab fil-Punent tal-linja ddefinita mill-parti tal-Punent tat-triq numru 92 sa salib it-toroq li jaghti ghat-triq numru 155, u mbagħad it-triq numru 155 sa salib it-toroq li jagħti għat-triq numru 24156, u t-triq numru 24156 sakemm taqsam ix-xmara Verilaske, u mbagħad ix-xmara Verilaske sakemm tilħaq il-fruntiera tan-Nofsinhar tal-vald,

— il-vald ta' Abja,

— il-vald ta' Aegviidu,

— il-vald ta' Alatskivi,

— il-vald ta' Anija,

— il-vald ta' Are,

— il-vald ta' Häädemeeste,

— il-vald ta' Haaslava,

— il-vald ta' Halinga,

— il-vald ta' Halliste,

— il-vald ta' Kadrina,

— il-vald ta' Kambja,

— il-vald ta' Karksi,

— il-vald ta' Kasepää,

— il-vald ta' Kõpu,

— il-vald ta' Kose,

— il-vald ta' Kõue,

— il-vald ta' Laekvere,

— il-vald ta' Luunja,

— il-vald ta' Mäksa,

— il-vald ta' Meeksi,

— il-vald ta' Paikuse,

— il-vald ta' Pala,

— il-vald ta' Peipsiääre,

— il-vald ta' Piirissaare,

— il-vald ta' Raasiku,

— il-vald ta' Rae,

— il-vald ta' Rägavere,

— il-vald ta' Rakvere,

— il-vald ta' Saarde,

— il-vald ta' Saare,

— il-vald ta' Sõmeru,

— il-vald ta' Surju,

— il-vald ta' Tahkuranna,

— il-vald ta' Tapa,

— il-vald ta' Tootsi,

— il-vald ta' Tori,

— il-vald ta' Vändra,

— il-vald ta' Vara,

— il-vald ta' Vinni,

— il-vald ta' Viru-Nigula,

— il-vald ta' Võnnu.

2. **Il-Latvja**

Iż-żoni li ġejjin fil-Latvja:

— in-novads ta' Krimuldas,

— fin-novads ta' Limbažu, il-pagasti ta' Skultes, Vidridžu, Limbažu u Umurgas,

— fin-novads ta' Ogres, il-pagasti ta' Krapes, Ķeipenes, Lauberes, Madlienas, Mazozolu, Menģeles u Taurupes,

— in-novads ta' Priekuļu,

— fin-novads ta' Salacgrīvas, il-pagasts ta' Liepupes,

— in-novads ta' Aizkraukles,

— in-novads ta' Aknīstes,

— in-novads ta' Alūksnes,

— in-novads ta' Apes,

— in-novads ta' Baltinavas,

— in-novads ta' Balvi,

— in-novads ta' Cēsu,

— in-novads ta' Cesvaines,

— in-novads ta' Ērgļu,

— in-novads ta' Gulbenes,

— in-novads ta' Ilūkstes,

— in-novads ta' Jaunpiebalgas,

— in-novads ta' Jēkabpils,

— in-novads ta' Kocēnu,

— in-novads ta' Kokneses,

— in-novads ta' Krustpils,

— in-novads ta' Lielvārdes,

— in-novads ta' Līvānu,

— in-novads ta' Lubānas,

— in-novads ta' Madonas,

— in-novads ta' Pārgaujas,

— in-novads ta' Pļaviņu,

— in-novads ta' Raunas,

— in-novads ta' Rugāju,

— in-novads ta' Saulkrastu,

— in-novads ta' Sējas,

— in-novads ta' Skrīveru,

— in-novads ta' Smiltenes,

— in-novads ta' Varakļānu,

— in-novads ta' Vecpiebalgas,

— in-novads ta' Viļakas,

— ir-republikas pilsēta ta' Jēkabpils;

— ir-republikas pilsēta ta' Valmiera.

3. **Il-Litwanja**

Iż-żoni li ġejjin fil-Litwanja:

— fir-rajono savivaldybė ta' Anykščiai, is-seniūnijos ta' Andrioniškis, Anykščiai, Debeikiai, Kavarskas, Kurkliai, Skiemonys, Traupis, Troškūnai, u l-parti ta' Svėdasai li tinsab fin-Nofsinhar tat-triq Nru 118,

— fir-rajono savivaldybė ta' Jonava, is-seniūnijos ta' Šilų, Bukonių u, fis-seniūnija ta' Žeimių, il-kaimai ta' Biliuškiai, Drobiškiai, Normainiai II, Normainėliai, Juškonys, Pauliukai, Mitėniškiai, Zofijauka, Naujokai,

— fir-rajono savivaldybė ta' Kaišiadorys, is-seniūnijos tal-apylinkės ta' Kaišiadorių, Kruonio, Nemaitonių, Paparčių, Žąslių, Žiežmarių, l-apylinkės ta' Žiežmarių u l-parti tas-seniūnija ta' Rumšiškių li tinsab fin-Nofsinhar tat-triq N. A1,

— fir-rajono savivaldybė ta' Kaunas, is-seniūnijos ta' Akademijos, Alšėnų, Babtų, Batniavos, Čekiškės, Domeikavos, Ežerėlio, Garliavos, l-apylinkių ta' Garliavos, Kačerginės, Kulautuvos, Linksmakalnio, Raudondvario, Ringaudų, Rokų, Samylų, Taurakiemio, Užliedžių, Vilkijos, l-apylinkių ta' Vilkijos u Zapyškio,

— fir-rajono savivaldybė ta' Kėdainiai, is-seniūnijos ta' Josvainių, Pernaravos, Krakių, Dotnuvos, Gudžiūnų, Surviliškio, Vilainių, Truskavos, Šėtos, il-miesto ta' Kėdainių,

— fir-rajono savivaldybė ta' Panevėžys is-seniūnijos ta' Karsakiškio, Naujamiesčio, Miežiškių, Paįstrio, Panevėžio, Ramygalos, Raguvos, Smilgių, Upytės, Vadoklių,Velžio u l-parti ta' Krekenavos seniūnija li tinsab fil-Lvant tax-xmara Nevėžis,

— fir-rajono savivaldybė ta' Šalčininkai, is-seniūnijos ta' Jašiūnų, Turgelių, Akmenynės, Šalčininkų, Gerviškių, Butrimonių, Eišiškių, Poškonių, Dieveniškių,

— fir-rajono savivaldybė ta' Varėna, is-seniūnijos ta' Kaniavos, Marcinkonių, Merkinės,

— il-miesto savivaldybė ta' Alytus,

— il-miesto savivaldybė ta' Kaišiadorys,

— il-miesto savivaldybė ta' Kaunas,

— il-miesto savivaldybė ta' Panevėžys,

— il-miesto savivaldybė ta' Vilnius,

— ir-rajono savivaldybė ta' Alytus,

— ir-rajono savivaldybė ta' Biržai,

— ir-rajono savivaldybė ta' Druskininkai,

— ir-rajono savivaldybė ta' Ignalina,

— ir-rajono savivaldybė ta' Lazdijai,

— ir-rajono savivaldybė ta' Molėtai,

— ir-rajono savivaldybė ta' Prienai,

— ir-rajono savivaldybė ta' Rokiškis,

— ir-rajono savivaldybė ta' Širvintos,

— ir-rajono savivaldybė ta' Švenčionys,

— ir-rajono savivaldybė ta' Ukmergė,

— ir-rajono savivaldybė ta' Utena,

— ir-rajono savivaldybė ta' Vilnius,

— ir-rajono savivaldybė ta' Zarasai,

— is-savivaldybė ta' Birštonas,

— is-savivaldybė ta' Elektrėnai,

— is-savivaldybė ta' Visaginas.

4. **Il-Polonja**

Iż-żoni li ġejjin fil-Polonja:

Fil-podlaskie województwo:

— il-gminy ta' Czarna Białostocka, Gródek, Michałowo, Supraśl, Wasilków u Zabłudów fil-powiat białostocki,

— il-gminy ta' Dąbrowa Białostocka, Janów, Krynki, Kuźnica, Nowy Dwór, Sidra, Sokółka u Szudziałowo fil-powiat sokólski,

— il-gmina ta' Lipsk fil-powiat augustowski,

— il-gminy ta' Czyże, Białowieża, Hajnówka mal-belt ta' Hajnówka, Narew u Narewka fil-powiat hajnowski.

PARTI III

1. **L-Estonja**

Iż-żoni li ġejjin fl-Estonja:

— il-linn ta' Elva,

— il-linn ta' Jõgeva,

— il-linn ta' Põltsamaa,

— il-linn ta' Võhma,

— il-maakond ta' Järvamaa,

— il-maakond ta' Valgamaa,

— il-maakond ta' Võrumaa,

— il-parti tal-vald ta' Palamuse li tinsab fil-Punent tal-linja ferrovjarja ta' Tallinn-Tartu,

— il-parti tal-vald ta' Pärsti li tinsab fil-Lvant tat-triq numru 24126,

— il-parti tal-vald ta' Suure-Jaani li tinsab fil-Lvant tat-triq numru 49,

— il-parti tal-vald ta' Tabivere li tinsab fil-Punent tal-linja ferrovjarja ta' Tallinn-Tartu,

— il-parti tal-vald ta' Tamsalu li tinsab fil-Lbiċ tal-linja ferrovjarja ta' Tallinn-Tartu,

— il-parti tal-vald ta' Tartu li tinsab fil-Punent tal-linja ferrovjarja ta' Tallinn-Tartu,

— il-parti tal-vald ta' Viiratsi li tinsab fil-Lvant tal-linja ddefinita mill-parti tal-Punent tat-triq numru 92 sa salib it-toroq li jagħti għat-triq numru 155, u mbagħad it-triq numru 155 sa salib it-toroq li jagħti għat-triq numru 24156, u mbagħad it-triq numru 24156 sakemm taqsam ix-xmara Verilaske, u mbagħad ix-xmara Verilaske sakemm tilħaq il-fruntiera tan-Nofsinhar tal-vald,

— il-vald ta' Jõgeva,

— il-vald ta' Kolga-Jaani,

— il-vald ta' Konguta,

— il-vald ta' Kõo,

— il-vald ta' Laeva,

— il-vald ta' Nõo,

— il-vald ta' Paistu,

— il-vald ta' Pajusi,

— il-vald ta' Põltsamaa,

— il-vald ta' Puhja,

— il-vald ta' Puurmani,

— il-vald ta' Rakke,

— il-vald ta' Rannu,

— il-vald ta' Rõngu,

— il-vald ta' Saarepeedi,

— il-vald ta' Tähtvere,

— il-vald ta' Tarvastu,

— il-vald ta' Torma,

— il-vald ta' Ülenurme,

— il-vald ta' Väike-Maarja.

2. **Il-Latvja**

Iż-żoni li ġejjin fil-Latvja:

— fin-novads ta' Limbažu, il-pagasti ta' Viļķenes, Pāles u Katvaru,

— fin-novads ta' Salacgrīvas, il-pagasti ta' Ainažu u Salacgrīvas,

— in-novads ta' Aglonas,

— in-novads ta' Alojas,

— in-novads ta' Beverīnas,

— in-novads ta' Burtnieku,

— in-novads ta' Ciblas,

— in-novads ta' Dagdas,

— in-novads ta' Daugavpils,

— in-novads ta' Kārsavas,

— in-novads ta' Krāslavas,

— in-novads ta' Ludzas,

— in-novads ta' Mazsalacas,

— in-novads ta' Naukšēnu,

— in-novads ta' Preiļu,

— in-novads ta' Rēzeknes,

— in-novads ta' Riebiņu,

— in-novads ta' Rūjienas,

— in-novads ta' Strenču,

— in-novads ta' Valkas,

— in-novads ta' Vārkavas,

— in-novads ta' Viļānu,

— in-novads ta' Zilupes,

— ir-republikas pilsēta ta' Daugavpils;

— ir-republikas pilsēta ta' Rēzekne.

3. **Il-Litwanja**

Iż-żoni li ġejjin fil-Litwanja:

— fir-rajono savivaldybė ta' Anykščiai, is-seniūnija ta' Viešintos u l-parti tas-seniūnija ta' Svėdasai li tinsab fit-Tramuntana tat-triq Nru 118,

— fir-rajono savivaldybė ta' Jonava, is-seniūnijos ta' Upninkų, Ruklos, Dumsių, Užusalių, Kulvos u, fis-seniūnija ta' Žeimiai, il-kaimai Akliai, Akmeniai, Barsukinė, Blauzdžiai, Gireliai, Jagėlava, Juljanava, Kuigaliai, Liepkalniai, Martyniškiai, Milašiškiai, Mimaliai, Naujasodis, Normainiai I, Paduobiai, Palankesiai, Pamelnytėlė, Pėdžiai, Skrynės, Svalkeniai, Terespolis, Varpėnai, Žeimių gst., Žieveliškiai u l-miestelis ta' Žeimių,

— fir-rajono savivaldybė ta' Kaišiadorys, is-seniūnijos ta' Palomenės, Pravieniškių u l-parti tas-seniūnija ta' Rumšiškių li tinsab fit-Tramuntana tat-triq N. A1,

— fir-rajono savivaldybė ta' Kaunas, is-seniūnijos ta' Vandžiogalos, Lapių, Karmėlavos u Neveronių,

— fir-rajono savivaldybė ta' Kėdainiai, is-seniūnija ta' Pelėdnagių,

— fir-rajono savivaldybė ta' Šalčininkai, is-seniūnijos ta' Baltosios Vokės, Pabarės, Dainavos, Kalesninkų,

— fir-rajono savivaldybė ta' Varėna, is-seniūnijos ta' Valkininkų, Jakėnų, Matuizų, Varėnos, Vydenių,

— il-miesto savivaldybė ta' Jonava,

— ir-rajono savivaldybe ta' Kupiškis,

— ir-rajono savivaldybė ta' Trakai,

PARTI IV

**L-Italja**

Dawn iż-żoni fl-Italja:

iż-żoni kollha ta' Sardenja."

# RETTIFIKA

## Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/351/KE tat-28 ta' April 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2000/57/KE b'rigward avvenimenti li għandhom jiġu rrapportati fi ħdan sistema ta' twissija u tweġiba bikrija għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li jittieħed

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 117 tal-1 ta' Mejju 2008)*

F'paġna 40, fit-titolu, fl-ewwel, fit-tieni u fil-ħames premessa:

*minflok:* "twissija u tweġiba bikrija",

*aqra:* "twissija bikrija u ta' reazzjoni".

---

## Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/547/KE tal-10 ta' Lulju 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2000/57/KE dwar is-sistema ta' twissija u tweġiba bikrija għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li jittieħed taħt id-Deċiżjoni 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 181 tal-14 ta' Lulju 2009)*

F'paġna 57, fit-titolu u darbtejn fl-ewwel premessa:

*minflok:* "twissija u tweġiba bikrija",

*aqra:* "twissija bikrija u ta' reazzjoni";

F'paġna 59, fl-Artikolu 1(2), fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 2a(2) il-ġdid tad-Deċiżjoni 2000/57/KE u fl-Artikolu 1(3), fl-Artikolu 3(1) il-ġdid tad-Deċiżjoni 2000/57/KE:

*minflok:* "twissija u reazzjoni bikrija",

*aqra:* "twissija bikrija u ta' reazzjoni".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT